



# Gwida tal-EASO dwar il-kondizzjonijiet tal-akkoljenza: standards u indikaturi operattivi

Settembru 2016





# Gwida tal-EASO dwar il-kondizzjonijiet tal-akkoljenza: standards u indikaturi operattivi

**Settembru 2016**

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet.  
Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (<http://europa.eu>).

Print	ISBN 978-92-9494-410-8	doi:10.2847/637260	BZ-04-17-336-MT-C
PDF	ISBN 978-92-9494-389-7	doi:10.2847/947752	BZ-04-17-336-MT-N

© L-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil

La l-EASO u l-ebda persuna oħra li taġixxi f'ismu ma jistgħu jinżammu responsabbli mill-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab f'dan id-dokument.

# Werrej

<b>Lista ta' abbrevjazzjonijiet</b> .....	<b>5</b>
<b>Introduzzjoni</b> .....	<b>7</b>
Sfond .....	7
L-iskop u l-ambitu tal-gwida .....	7
L-istruttura u l-format tal-gwida .....	9
Qafas legali .....	9
<b>Kif għandek taqra din il-gwida</b> .....	<b>11</b>
Terminoloġija .....	12
<b>1. L-abitazzjoni</b> .....	<b>13</b>
1.1. Il-post .....	13
1.2. L-allokazzjoni .....	15
1.3. Infrastruttura .....	16
1.4. Sigurtà .....	20
1.5. Iż-żoni komuni .....	21
1.6. Is-sanità .....	22
1.7. Il-manutenzjoni .....	23
1.8. L-apparat u s-servizzi ta' komunikazzjoni .....	24
<b>2. L-ikel</b> .....	<b>27</b>
<b>3. Ftwejjeg u oġġetti oħrajn mhux tal-ikel</b> .....	<b>29</b>
<b>4. Il-konċessjoni għall-ispejjeż ta' kuljum</b> .....	<b>33</b>
<b>5. Il-kura tas-saħħa</b> .....	<b>35</b>
<b>6. L-għoti ta' informazzjoni u konsulenza</b> .....	<b>37</b>
<b>7. L-identifikazzjoni, il-valutazzjoni tal-bżonnijiet speċjali tal-akkoljenza u r-rispons għalihom</b> .....	<b>41</b>
<b>8. It-taħriġ tal-persunal</b> .....	<b>45</b>
<b>Anness — Tabella sommarja</b> .....	<b>47</b>



## Lista ta' abbrevjazzjonijiet

<b>AMIF</b>	Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni tal-UE
<b>APD</b>	Id-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (riformulazzjoni)
<b>EASO</b>	Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil
<b>FRA</b>	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali
<b>Karta tal-UE</b>	Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea
<b>NGO</b>	Organizzazzjoni Mhux Governattiva
<b>QM</b>	Matriċi tal-Kwalità
<b>RCD</b>	Id-Direttiva 2013/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali (tfassil mill-ġdid)
<b>Regolament ta' Dublin III</b>	Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jstabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (tfassil mill-ġdid)
<b>SEKA</b>	Sistema Ewropea Komuni tal-Asil
<b>SGBV</b>	Vjolenza Sesswali u Sessista
<b>SM</b>	Stati Membri
<b>SOP</b>	Proċedura Operattiva Standard
<b>UAM</b>	Vjaġġatur(i) Minorenni mhux Akkumpanjat(i)
<b>UNHCR</b>	Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati





# Introduzzjoni

## Sfond

Id-Direttiva riformulata 2013/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali (minn hawn 'il quddiem l-RCD) tispeċifika li:

“għandhom ikunu stipulati standards għall-akkoljenza tal-applikanti [li għandhom ikunu] biżżejjed biex jiżguraw [lill-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali] standard ta' ħajja dinjitu u kondizzjonijiet ta' ħajja komparabbli fl-Istati Membri kollha”<sup>(1)</sup>.

Id-Direttiva tħalli grad ta' diskrezzjoni konsiderevoli għad-definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi standard ta' ħajja dinjitu u kif għandu jinkiseb. Fl-istess waqt, is-sistemi nazzjonali ta' akkoljenza jvarjaw ħafna fl-organizzazzjoni u l-modalitajiet għall-provvediment tal-kondizzjonijiet ta' akkoljenza. Għaldaqstant, l-istandards għall-kondizzjonijiet ta' akkoljenza għadhom differenti fost l-Istati Membri, u b'hekk joħolqu differenzi fit-trattament tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali.

Dan l-aħħar, l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni <sup>(2)</sup> kompliet tenfasizza l-importanza ta' sistema ċara għall-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali bħala parti minn politika Ewropea komuni u b'saħħitha dwar l-asil. B'mod speċifiku, din tirreferi għall-ħtieġa ta' aktar gwida biex jittejjbu l-istandards dwar il-kondizzjonijiet tal-akkoljenza fost l-Istati Membri tal-UE.

Huwa f'dan il-kuntest li għet żviluppata din il-gwida. Il-proċess ta' żvilupp ta' dan id-dokument isegwi l-metodoloġija stabbilita tal-Matriċi tal-Kwalità mwaqqfa mill-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (EASO). Id-dokument ġie mfassal minn grupp ta' ħidma magħmul minn esperti tal-Istati Membri tal-UE, kif ukoll rappreżentanti ta' partijiet interessati rilevanti oħrajn fil-qasam tal-akkoljenza u tad-drittijiet fundamentali, inklużi l-Kummissjoni Ewropea, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) u l-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati (UNHCR). Barra minn hekk, il-membri tal-Forum Konsultattiv tal-EASO ġew ikkonsultati qabel ma l-gwida għet finalizzata. In-Netwerk tal-Awtoritajiet tal-Akkoljenza tal-EASO ġie kkonsultat dwar il-gwida u sussegwentement din għet adottata b'mod formali mill-Bord ta' Tmexxija tal-EASO.

Għandu jkun innutat ukoll li l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal riformulazzjoni tal-RCD (COM(2016) 465 final) tat-13 ta' Lulju 2016 tirreferi b'mod speċifiku għal dawn l-istandards u l-indikaturi operattivi.

## L-iskop u l-ambitu tal-gwida

**L-objettiv ġenerali** ta' din il-gwida huwa li tappoġġja lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-RCD filwaqt li tiżgura standard adegwat ta' għajxien għall-applikanti kollha għall-protezzjoni internazzjonali, inklużi dawk bi bżonnijiet speċjali ta' akkoljenza.

Id-dokument tfassal biex iservi għal **diversi skopijiet**:

- fil-livell tal-politika, iservi bħala għodda li tappoġġja r-riforma jew l-iżvilupp u jservi bħala qafas għat-twaqqif/għall-iżvilupp ulterjuri ta' standards ta' akkoljenza;
- fil-livell operattiv, jista' jintuża mill-awtoritajiet/operaturi tal-akkoljenza sabiex jappoġġja l-ippjanar/it-tħaddim tal-faċilitajiet ta' akkoljenza jew sabiex jappoġġja t-taħriġ tal-persunal.

Barra minn hekk, il-gwida tista' sservi bħala **bażi għall-iżvilupp ta' oqfsa ta' monitoraġġ** sabiex wieħed jivvaluta l-kwalità tas-sistemi nazzjonali ta' akkoljenza.

L-iskop tal-gwida mhuwiex li tippreskrivi metodu għall-għoti ta' kondizzjonijiet ta' akkoljenza. Għaldaqstant, sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor, l-istandards u l-indikaturi f'dan id-dokument japplikaw għall-provvediment ta' kondizzjonijiet ta' akkoljenza materjali irrispettivament minn jekk dawn ikunux ipprovduti *in natura*, bħala konċessjonijiet finanzjarji jew fil-forma ta' vawċers. Dan l-approċċ isegwi l-Artikolu 2(g) tal-RCD, li jelenka modalitajiet differenti għall-provvediment

<sup>(1)</sup> Id-Direttiva riformulata 2013/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali (minn hawn 'il quddiem: l-RCD), disponibbli fuq: <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/PDF/?uri=CELEX:32013L0033&from=EN> (premissa 11).

<sup>(2)</sup> Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni, "Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni", COM(2015) 240, 13 ta' Mejju 2015.

ta' kondizzjonijiet ta' akkoljenza materjali. Dan ifisser, pereżempju, li l-Istati Membri jew iridu jiżguraw il-provvediment ta' ħwejjeġ skont l-istandards inklużi f'din il-gwida jew li l-livell ta' konċessjoni finanzjarja pprovduta tkun adegwata biex tkopri l-ispejjeż tal-applikant għall-ħwejjeġ skont l-istandards inklużi f'dan id-dokument.

Mingħajr preġudizzju għall-iffukar tagħha fuq il-faċilitajiet ta' akkoljenza miftuħa, skont il-premessa 8 tal-RCD, l-ambitu tal-gwida jinkludi "l-istadji u t-tipi kollha ta' proċeduri li jirrigwardaw l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali, fil-postijiet u fil-faċilitajiet kollha li jilqgħu lill-applikanti u sakemm jitħallew jibqgħu fit-territorju tal-Istati Membri bħala applikanti" <sup>(3)</sup>.

L-ambitu tematiku tal-gwida jinkludi ċerti dispożizzjonijiet ewlenin tal-RCD li jiffurmaw parti mis-sistemi nazzjonali ta' akkoljenza għall-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali kif spjegat fil-Figura 1 hawn taħt. B'mod speċifiku, id-dokument jiffoka fuq il-forniment *in natura* tal-kondizzjonijiet ta' akkoljenza, l-identifikazzjoni, il-valutazzjoni tal-bżonnijiet speċjali ta' akkoljenza u r-rispons għalihom u l-għoti tat-taħriġ lill-persunal li jaħdem fis-sistemi nazzjonali ta' akkoljenza. Huwa kkunsidrat li l-istandards kollha f'dawn it-taqsimiet huma importanti sabiex jiżguraw il-provvediment ta' kondizzjonijiet ta' akkoljenza konformi mal-RCD.




Figura 1. Rappreżentazzjoni tal-aspetti ewlenin koperti minn din il-gwida.

Fil-gwida kollha, l-indikaturi ġew integrati f'taqsimiet differenti sabiex jitqies jekk sarux arranġamenti adegwati biex jilqgħu għall-bżonnijiet speċjali fi ħdan is-sistema nazzjonali ta' akkoljenza. Fl-istess ħin, din il-gwida ma tidħolx fil-fond fil-ħtiġijiet tal-applikanti bi bżonnijiet speċjali ta' akkoljenza, bħat-tfal mhux akkumpanjati.

Din il-gwida għandha titqies bħala l-ewwel pass u sforz biex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-RCD. Mhux l-aspetti kollha li jaqgħu fl-ambitu tal-RCD, bħat-tnaqqis u l-irtirar ta' kondizzjonijiet ta' akkoljenza materjali, id-detenzjoni, l-aċċess għat-tagħlim u l-edukazzjoni għat-tfal u l-impjeggi u t-taħriġ vokazzjonali għall-adulti, u l-proċeduri ta' appell, ġew indirizzati f'dan id-dokument. Barra minn hekk, l-aspetti relatati mal-integrazzjoni tal-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali jew it-tnejja tar-ritorn tal-applikanti li l-applikazzjoni tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali tkun ġiet rifjutata ma ġewx koperti f'dan id-dokument.

Minflok, il-gwida ġiet żviluppata għat-tħaddim regolari tas-sistema ta' akkoljenza. Is-sitwazzjonijiet li jaqgħu taħt qafas ta' emerġenza, bħall-użu tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 18(9) tal-RCD dwar l-abitazzjoni ta' emerġenza, jaqgħu barra mill-ambitu ta' din il-gwida. Dawn l-aspetti jistgħu jkunu s-suġġett ta' gwida addizzjonali u/jew ta' għodod li jistgħu jiġu żviluppati fil-futur.

Ir-responsabbiltà aħħarja għall-applikazzjoni ta' dawn l-istandards taqa' f'idejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-parti l-kbira tal-istandards f'din il-gwida, b'mod partikolari, għandhom ikunu fil-kompetenza tal-awtoritajiet nazzjonali tal-akkoljenza. Fil-prattika, madankollu, spiss ikunu involuti atturi oħrajn fil-provvediment ta' kondizzjonijiet materjali u mhux materjali ta' akkoljenza, inklużi pereżempju servizzi minn pajjiżi, reġjuni jew servizzi lokali oħrajn u organizzazzjonijiet intergovernattivi jew mhux governattivi.

L-istandards inklużi f'dan id-dokument jirriflettu l-prattika li diġà teżisti fl-Istati Membri tal-UE. Fih innifsu, ma jippruvax joħloq mudell ta' sistema perfetta ta' akkoljenza; minflok, jimmira li jikkompila standards, indikaturi miftiehma u Prattiki tajbin li jistgħu jiġu applikati u jinkisbu madwar l-Istati Membri kollha tal-UE.

Importanti huwa l-fatt li, f'konformità mal-ispirtu tal-Artikolu 4 tal-RCD, l-Istati Membri jistgħu jintroduċu jew jagħżlu dispożizzjonijiet aktar favorevoli fil-qasam tal-kondizzjonijiet ta' akkoljenza għall-applikanti minn dawk inklużi f'din il-gwida. Taħt l-ebda ċirkustanza dan id-dokument ma għandu jinftiehem bħala stedina biex jitbaxxew l-istandards eżistenti, iżda pjuttost bħala inkoraġġiment biex tal-anqas jintlaħqu l-punti ta' referenza żviluppati fih.

<sup>(3)</sup> Il-premessa 8 tal-RCD.

## L-istruttura u l-format tal-gwida

Dan id-dokument jiftaħ b'taqsim qasira intitolata "Kif għandek taqra l-gwida", li għandha l-għan li tiċċara l-kunċetti użati.

Imbagħad id-dokument jinqasam fi tmien taqsimiet, li jiffukaw fuq is-suġġetti li ġejjin:

1. L-abitazzjoni
2. L-ikel
3. #wejjeġ u oġġetti oħrajn mhux tal-ikel
4. Il-konċessjoni għall-ispejjeż ta' kuljum
5. Il-kura tas-saħħa
6. L-għoti ta' informazzjoni u konsulenza
7. L-identifikazzjoni, il-valutazzjoni tal-bżonnijiet speċjali tal-akkoljenza u r-rispons għalihom
8. It-taħriġ tal-persunal.

Kull taqsim tinkludi standards komuni speċifiċi li huma applikabbli għas-sistemi nazzjonali ta' akkoljenza fl-Istati Membri kollha tal-UE. Kull standard huwa mqabbel ma' indikaturi rilevanti li jgħinu fil-valutazzjoni ta' jekk l-istandard huwiex milfuq. Fejn meħtieġ, wieħed jista' jsib aktar kjarifika dwar xi indikatur fil-"kummenti addizzjonali".

Barra minn hekk, l-anness jinkludi tabella li tiġbor fil-qosor l-istandards u l-indikaturi kollha elenkati f'dan id-dokument. Madankollu, din it-tabella għandha tkun ikkunsidrata flimkien mad-dokument prinċipali, li jipprovdi aktar kjarifiki (kummenti addizzjonali, Prattiki tajba) li jappoġġjaw l-interpretazzjoni tal-gwida.

## Qafas legali

Il-bażi legali ewlenija għal din il-gwida hija l-RCD li tinqara flimkien mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem: "il-Karta tal-UE"). Barra minn hekk, meta japplikaw din il-gwida, l-Istati Membri għandhom jaraw li jiżguraw konformità sħiħa mal-prinċipji tal-aħjar interessi tal-minorenni u tal-unità tal-familja, skont il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1989 dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali rispettivament <sup>(4)</sup>.

Barra minn hekk, il-prinċipji li ġejjin huma parti integrali mill-istandards u l-indikaturi inklużi f'dan id-dokument u għandhom ikunu osservati fil-provvediment tal-kondizzjonijiet tal-akkoljenza fis-sistemi nazzjonali:

- **Trasparenza u responsabbiltà.** L-għoti tal-kondizzjonijiet ta' akkoljenza għandu jkun ibbażat fuq regoli trasparenti u ġusti u proċeduri ta' teħid ta' deċizzjonijiet. Mingħajr preġudizzju għar-rilevanza tal-involvement ta' atturi addizzjonali fl-implimentazzjoni ta' kompiti speċifiċi fis-sistemi nazzjonali ta' akkoljenza (pereżempju organizzazzjonijiet mhux governattivi, is-settur privat, eċċ.), ir-responsabbiltà globali biex jinkisbu l-oġġetti tal-livelli ta' trasparenza u responsabbiltà taqa' f'idejn l-awtorità ta' akkoljenza rispettiva.
- **Parteċipazzjoni.** F'konformità mal-Artikolu 18(8) tal-RCD, l-awtoritajiet ta' akkoljenza huma mħeġġa jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni u l-involvement tal-applikanti kollha, inklużi tat-tfal, fil-ġestjoni tal-aspetti materjali u mhux materjali tal-kondizzjonijiet ta' akkoljenza. Pereżempju, il-parteċipazzjoni tista' tieħu l-forma ta' bordijiet jew kunsilli konsultattivi li jikkontribwixxu għal aspetti speċifiċi marbuta mar-residenza f'faċilitajiet ta' abitazzjoni, bħall-kompożizzjoni tal-ikliet, il-kalendarju tal-attivitajiet.
- **In-nondiskriminazzjoni.** Għandu jingħata aċċess ugwali għall-kondizzjonijiet ta' akkoljenza lill-applikanti kollha għall-protezzjoni internazzjonali mingħajr diskriminazzjoni.
- **Il-konsiderazzjoni għall-bżonnijiet speċjali.** Il-bżonnijiet speċjali ta' akkoljenza għandhom ikunu kkunsidrati f'dan ir-rigward. Id-definizzjoni ta' "bżonnijiet speċjali" ma għandhiex tkun limitata għall-kategoriji ta' applikanti inklużi fil-lista mhux esklussiva fl-Artikolu 21 tal-RCD ("bħalma huma l-minorenni, minorenni mhux akkumpanjati, nies b'diżabilità, anzjani, nisa tqal, ġenituri single bi tfal minorenni, vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, persuni b'mard serju, persuni b'disturbi mentali u persuni li kienu ssoġġettati għal tortura, stupru jew forum oħra serji ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali, bħall-vittmi tal-mutilazzjoni ġenitali femminili"), iżda pjuttost għandha tinkludi kwalunkwe applikant li jkollu bżonnijiet speċjali ta' akkoljenza. Is-sess, l-identità sesswali u l-orjentazzjoni sesswali huma fatturi partikolari li għandu jittieħed kont tagħhom f'dan ir-rigward.

<sup>(4)</sup> Il-premessa 9 tal-RCD.



## Kif għandek taqra din il-gwida

Eżempju: Il-valutazzjoni tal-post tal-abitazzjoni		SPJEGAZZJONI
<b>STANDARD</b>	<i>Ara li jkun hemm aċċess ġeografiku effettiv għas-servizzi rilevanti, bħas-servizzi pubbliċi, l-iskola, il-kura tas-saħħa, l-għajnuna soċjali u legali, ħanut għall-ħtiġijiet ta' kuljum, londri u attivitajiet ta' divertiment.</i>	L-istandard jirrappreżenta prattika li fuqha hemm qbil komuni u l-konformità għandha tkun "assigurata" fost is-sistemi kollha nazzjonali ta' akkoljenza.
<b>Indikatur</b>	<i>Il-faċilità tinsab f'distanza ta' mixi raġonevoli mis-servizzi rilevanti u l-infrastruttura disponibbli hija bla periklu biex wieħed jimxiha.</i>	L-indikatur jirrappreżenta għodda biex titkejjel il-konformità mal-istandard, jiġifieri, billi wieħed jevalwa jekk id-distanza bejn l-abitazzjoni u s-servizzi pubbliċi rilevanti tistax titqies "raġonevoli" bħala distanza bil-mixi u jekk teżistix l-infrastruttura meħtieġa.  L-indikaturi elenkati taħt kull standard għandhom jinftiehem bħala kumulattivi mingħajr ordni ta' ġerarkija fosthom.
<b>Indikaturi alternattivi</b>	<b>Indikatur 1.2(a):</b> Is-servizzi rilevanti huma pprovduti fl-abitazzjoni. <b>JEW</b>  <b>Indikatur 1.2(b):</b> Il-faċilità tinsab ammont raġonevoli ta' passi mis-servizzi rilevanti u l-infrastruttura disponibbli hija sigura biex wieħed jimxiha. <b>JEW</b>  <b>Indikatur 1.2(c):</b> Is-servizzi rilevanti huma aċċessibbli bit-trasport pubbliku u t-tul tal-vjaġġ huwa raġonevoli. <b>JEW</b>  <b>Indikatur 1.2(d):</b> Is-servizzi rilevanti huma aċċessibbli permezz ta' trasport organizzat ipprovdut mill-Istat Membru.	Indikaturi alternattivi jintużaw f'sitwazzjonijiet fejn jistgħu jiġu applikati opzjonijiet differenti biex titkejjel il-konformità mal-istandard.
<b>Kummenti addizzjonali</b>	Dan l-indikatur għandu jkun żviluppat b'konnessjoni ma' distanza speċifika massima, b'kont meħud tal-kuntest nazzjonali u l-ambjent, bħal jekk hemmx bankina disponibbli, jekk iż-żona fihiex wisq għoljiet, eċċ. — pereżempju, massimu ta' 3 km għas-servizzi pubbliċi iġenerali u 2 km għall-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa u għall-iskola.	Il-kumment addizzjonali jirrappreżenta indikazzjoni ta' x'jista' jikkostitwixxi "distanza raġonevoli bil-mixi". Fid-dawl tal-kuntesti nazzjonali differenti, l-applikabbiltà tal-"kummenti addizzjonali" tista' tvarja fost l-Istati Membri tal-UE.
<b>Prattika tajba</b>	Prattika tajba għad-definizzjoni tal-post tal-abitazzjoni: <ul style="list-style-type: none"> <li>Hija kkunsidrata prattika tajba li tillimita t-tul tal-vjaġġ bit-trasport pubbliku għal massimu ta' siegħa u nofs jew siegħa għall-kura tas-saħħa jew għax-xiri tal-ħtiġijiet ta' kuljum.</li> </ul>	Fl-aħħar nett, id-dokument jirreferi għall-"prattika tajba" eżistenti fir-rigward tat-taqsimiet speċifiċi. Il-frażi "prattika tajba" mhijiex ġejja minn valutazzjoni formali iżda hija bbażata fuq il-prattika kurrenti ta' xi Stati Membri. Għalkemm ma jirrappreżentawx standard li fuqu hemm qbil komuni f'dan l-istadju, l-Istati Membri huma madankollu m'ħeġġa jikkunsidraw li jadottaw dawn il-prattiki tajba fis-sistemi nazzjonali tagħhom.

## Terminoloġija

L-Artikolu 2(g) tal-RCD jintroduċi l-kunċetti ta' "konċessjoni finanzjarja" u "konċessjoni għall-ispejjeż ta' kuljum" bħala mezz kif wieħed jipprovdi kondizzjonijiet ta' akkoljenza. Filwaqt li d-dispożizzjoni tispeċifika l-użu tal-ewwel waħda għall-forniment tal-ikel, tal-abitazzjoni u tal-ħwejjeġ (meta ma jkunux ipprovduti *in natura* jew fil-forma ta' vawċers), id-definizzjoni tat-tieni waħda hija inqas ċara. Għall-finijiet ta' din il-gwida, u kif enfasizzat fit-tabella ta' hawn taħt, il-frażi "konċessjoni għall-ispejjeż ta' kuljum" tirreferi għal kwalunkwe konċessjoni oħra pprovduta lill-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali, inklużi konċessjonijiet għal finijiet speċifiċi minbarra abitazzjoni, ikel u ħwejjeġ jew oġġetti oħrajn mhux tal-ikel meta ma jkunux ipprovduti in natura kif ukoll konċessjonijiet fi flus għal skop mhux speċifikat (biex jintużaw liberament mill-applikant, imsejnin ukoll "flus fil-but").

Tipi ta' ħtiġijiet ta' akkoljenza	Referenza fl-RCD	Mezzi għall-provvediment tal-kondizzjonijiet ta' akkoljenza
Ikel, abitazzjoni, ħwejjeġ	L-Artikolu 2(g)	<b>Konċessjoni finanzjarja</b>
		<i>In natura</i>
		Vawċers
Ħtiġijiet essenzjali oħrajn (eż. prodotti tal-iġjene, oġġetti tal-iskola, siġġu tar-roti, eċċ.)	Mhux imsemmija b'mod espliċitu mill-RCD	<b>Il-konċessjoni għall-ispejjeż ta' kuljum</b>
		<i>In natura</i>
		Vawċers
Oġġetti tal-għażla personali	L-Artikolu 2(g)	<b>Il-konċessjoni għall-ispejjeż ta' kuljum</b>

# 1. L-abitazzjoni

## Kummenti introduttorji

Din it-taqsimha hija magħmula minn diversi taqsimiet sekondarji li jkopru dawn l-aspetti tal-abitazzjoni li ġejjin:

- Il-post
- L-allokkazzjoni
- L-infrastruttura tal-faċilitajiet tal-abitazzjoni
- Is-sigurtà tal-faċilitajiet tal-abitazzjoni
- Iż-żoni komuni fiha
- Is-sanità
- Il-manutenzjoni
- L-apparat u s-servizzi ta' komunikazzjoni.

Kull waħda minn dawn it-taqsimiet sekondarji tkopri aspetti essenzjali tal-faċilitajiet tal-abitazzjoni, li jikkomplimentaw lil xulxin.

L-Istati Membri huma liberi li jagħżlu minn tipi differenti ta' abitazzjoni diment li l-bżonnijiet speċjali ta' akkoljenza tal-applikanti jittieħdu inkunsiderazzjoni. L-arranġamenti differenti jvarjaw minn ċentri ta' abitazzjoni għal arranġamenti alternattivi, inklużi djar privati, appartamenti, lukandi jew bini ieħor adattat biex jospita lill-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali. Barra minn hekk, l-RCD tagħti lill-Istati Membri l-possibbiltà li jagħżlu jekk jagħtux abitazzjoni *in natura* jew permezz ta' konċessjonijiet finanzjarji <sup>(5)</sup>. Min-naħa waħda, fejn l-abitazzjoni tkun ipprovduta in natura, l-abitazzjoni għandha tkun konformi mal-istandards mogħtija f'din it-taqsimha; min-naħa l-oħra, fejn l-Istati Membri jagħżlu li jagħtu lill-applikanti konċessjoni finanzjarja biex ikopru l-ispejjeż tal-abitazzjoni, din il-konċessjoni għandha tippermetti lill-applikanti jsibu abitazzjoni li tikkonforma mal-istandards elenkati f'din it-taqsimha.

Fl-istess ħin, il-prattika tal-Istati Membri tirrifletti l-użu ta' tipi differenti ta' abitazzjoni, skont il-fażi tal-proċedura tal-asil, inklużi pereżempju ċ-ċentri ta' transitu, l-ewwel ċentri ta' akkoljenza/ċentri ta' akkoljenza inizjali, jew faċilitajiet speċjali għall-applikanti fil-proċedura ta' Dublin. Naturalment, il-funzjonalità tal-post tista' tvarja skont il-perjodu ta' żmien maħsub biex l-applikanti jgħixu fih. Għaldaqstant, l-applikabbiltà ta' ċerti standards u indikaturi inklużi f'din it-taqsimha tista' tiddependi fuq it-tip ta' abitazzjoni magħżula u fuq l-iskop tagħha (eż. residenza fit-tul tal-applikanti jew residenza għal ftit żmien). Kull fejn standard japplika biss għal tip speċifiku ta' abitazzjoni, dan ser jingħad.

### Referenzi legali — abitazzjoni

- L-Artikolu 2(c) tal-RCD: id-definizzjoni ta' "membri tal-familja"
- L-Artikolu 2(g) tal-RCD: id-definizzjoni ta' kondizzjonijiet ta' akkoljenza materjali
- L-Artikolu 12 tal-RCD: Familji
- L-Artikolu 17 tal-RCD: Regoli ġenerali dwar kondizzjonijiet materjali ta' akkoljenza u kura tas-saħħa
- L-Artikolu 18(1) tal-RCD: Modalitajiet għal kondizzjonijiet materjali ta' akkoljenza
- L-Artikolu 21 tal-RCD: Il-persuni vulnerabbli (dispożizzjonijiet ġenerali)
- L-Artikolu 23(3) u (5) tal-RCD: Minorenni
- L-Artikolu 24(2) tal-RCD: Il-minorenni mhux akkumpanjati

## 1.1. Il-post

### Kummenti introduttorji

L-istandards u l-indikaturi inklużi f'din it-taqsimha jirreferu għall-pożizzjoni tal-bini b'rabta mal-ambjent ta' madwaru. Il-post tal-abitazzjoni jista' jkollu influwenza qawwija fuq aspetti oħrajn tas-sistema ta' akkoljenza, inkluża l-aċċessibbiltà ta' servizzi rilevanti (eż. servizzi tas-saħħa, għajjnuna legali jew servizzi relatati mad-diversi istanzi tal-proċedura

<sup>(5)</sup> L-Artikolu 2(g) tal-RCD.

tal-asil). Għalhekk, l-istandards u l-indikaturi inklużi f'din it-taqsimha huma marbutin mill-qrib ma' dawk tat-taqsimiet segwenti. Dan ifisser li l-għażla ta' fejn għandha tiġi stabbilita l-abitazzjoni għandha ssir b'kunsiderazzjoni sħiħa mogħtija lil aspetti oħrajn tal-kondizzjonijiet ta' akkoljenza indirizzati fit-taqsimiet differenti ta' dan id-dokument.

Fl-istess waqt, id-definizzjoni ta' xi wħud mill-indikaturi użati f'din it-taqsimha (pereżempju x'inhi "distanza bil-mixi raġonevoli", "vjaġġ ta' tul adegwat" jew ir-"regolarità tat-trasport organizzat") tiddependi mit-tip ta' servizz li ser ikun aċċessat u kemm-il darba se jkun meħtieġ l-aċċess għal dan is-servizz. Pereżempju, fejn tfal ikollhom bżonn aċċess għall-iskola, l-aċċess irid ikun possibbli kuljum u l-vjaġġ ma jridx idum. Fl-istess waqt, il-ħin tal-vjaġġ li jippermetti lill-applikant jipparteċipa fl-intervista personali jista' jkun itwal, b'mod partikolari jekk it-trasport ikun ipprovdut mill-awtorità responsabbli.

Huwa ġeneralment mifhum li l-faċilitajiet ta' abitazzjoni għandhom ikunu jinsabu f'żoni li huma maħsuba għall-użu residenzjali.

## Standards u indikaturi

### **STANDARD 1: Ara li jkun hemm aċċess ġeografiku effettiv għas-servizzi rilevanti, bħas-servizzi pubbliċi, l-iskola, il-kura tas-saħħa, l-għajjuna soċjali u legali, ħanut għall-ħtiġijiet ta' kuljum, londri u attivitajiet ta' divertiment.**

**Indikatur 1.1:** Hemm stabbiliti arranġamenti speċifiċi għall-applikanti bi bżonnijiet speċjali.

- **Kummenti addizzjonali:** *Pereżempju, wieħed m'għandux jistenna li l-applikanti b'mobilità sostanzjalment imnaqqa ser jaċċessaw is-servizzi rilevanti bil-mixi. F'dawn il-każi għandhom isiru arranġamenti alternattivi.*

**Indikaturi alternattivi** dwar kif wieħed jassigura l-aċċessibbiltà ġeografika:

**Indikatur 1.2(a):** Is-servizzi rilevanti huma pprovduti fl-abitazzjoni. **JEW**

**Indikatur 1.2(b):** Il-faċilità tinsab ammont raġonevoli ta' passi 'l bogħod mis-servizzi rilevanti u l-infrastruttura disponibbli hija sigura biex wieħed jimxiha. **JEW**

- **Kummenti addizzjonali:** *Dan l-indikatur għandu jkun żviluppjat b'konnessjoni ma' distanza speċifika massima, b'kont meħud tal-kuntest nazzjonali u l-ambjent bħal jekk hemmx bankina disponibbli, jekk iż-żona fihix wisq għoljiet, eċċ. — pereżempju, massimu ta' 3 km għas-servizzi pubbliċi iġenerali u 2 km għall-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa u għall-iskola.*

**Indikatur 1.2(c) Is-servizzi rilevanti huma aċċessibbli bit-trasport pubbliku u t-tul tal-vjaġġ huwa raġonevoli. JEW**

- **Kummenti addizzjonali:** *Il-valutazzjoni ta' jekk it-tul tal-vjaġġ huwiex raġonevoli ssir b'rabta mat-tip ta' servizz li jrid jiġi aċċessat u r-regolarità li biha s-servizz jeħtieġ li jkun aċċessat mill-applikant (eż. il-ħin meħtieġ biex tifel imur l-iskola bit-trasport pubbliku, il-ħin meħtieġ biex l-applikant jivvjaġġa għal intervista personali). Barra minn hekk, għandu jittieħed kont tar-regolarità tat-trasport pubbliku nfisha, li tkun tippermetti li l-applikant juża s-servizz b'mod effettiv billi jkun jista' jivvjaġġa lura. L-aċċessibbiltà permezz tat-trasport pubbliku għandha tinftiehem bħala r-rimborż tal-ispejjeż tat-trasport jew trasport bla ħlas meta meħtieġ tal-anqas għal dawn li ġejjin: il-kura tas-saħħa u l-kisba tal-mediċini, il-proċedura tal-asil u l-għajjuna legali u l-edukazzjoni għat-tfal irreġistrati fl-iskola.*

**Indikatur 1.2(d):** Is-servizzi rilevanti huma aċċessibbli permezz ta' trasport organizzat ipprovdut mill-Istat Membru.

- **Kummenti addizzjonali:** *Il-provvista tat-trasport għandha tkun iċċarata billi wieħed jispeċifika r-regolarità tat-trasport ipprovdut mill-Istat Membru.*



### Prattika tajba għad-definizzjoni tal-post tal-abitazzjoni

Huwa kkunsidrat bħala prattika tajba:

- li wieħed jiddetermina l-post tal-abitazzjoni bl-iskop li jakkomoda lill-applikanti fit-tul biex tkun tista' ssejtn interazzjoni bejn l-applikanti u l-popolazzjoni lokali, sabiex jiġi evitat l-iżolament u jgħin l-integrazzjoni fit-tul;
- li wieħed jillimita t-tul tal-vjaġġ bit-trasport pubbliku għal massimu ta' siegħa u nofs jew siegħa għall-kura tas-saħħa jew għax-xiri tal-ħtiġijiet ta' kuljum;
- li wieħed jinvolvi lill-popolazzjonijiet residenti lokali fid-determinazzjoni tal-post tal-faċilità ta' abitazzjoni.

## 1.2. L-allokazzjoni

### Kummenti introduttorji

Mingħajr preġudizzju għall-eżistenza ta' sistemi nazzjonali ta' tixrid li jirregolaw it-tqassim ugwali tal-applikanti fuq it-territorju tal-Istati Membri, l-istandards u l-indikaturi inklużi f'din it-taqsim għandhom jinqraw u jkunu implimentati b'konformità sħiħa mal-prinċipju tal-unità tal-familja kif ukoll mar-rispett għall-bżonnijiet speċjali li jistgħu jkollhom l-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali.

Importanti li l-konformità ma' dawn il-prinċipji ma tkunx biss rilevanti meta wieħed jidħol fis-sistema tal-akkoljenza biss iżda wkoll meta l-applikanti jiġu riallokati jew trasferiti f'abitazzjoni differenti. Għaldaqstant, skont l-Artikolu 18(6) tal-RCD, it-trasferimenti ta' applikanti minn faċilità ta' abitazzjoni għal oħra jsiru biss meta meħtieġa.

### Standards u indikaturi

#### **STANDARD 2: Ara li l-prinċipju tal-unità tal-familja jkun irrispettat.**

**Indikatur 2.1:** Il-membri tal-familja (skont id-definizzjoni tal-Artikolu 2 tal-RCD) huma akkomodati flimkien.

- **Kummenti addizzjonali:** *Il-qbil rigward il-fatt li l-membri tal-familja jiġu akkomodati flimkien għandu jinkiseb fuq bażi volontarja. Wieħed għandu jqis ċerti kunsiderazzjonijiet ta' sigurtà biex ikunu jistgħu jsiru xi eċċezzjonijiet.*

**Indikatur 2.2:** Il-familji bit-tfal għandhom ikunu akkomodati flimkien diment li dan ikun konformi mal-aħjar interessi tal-minorenni.

- **Kummenti addizzjonali:** *Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari għas-sitwazzjoni ta' tfal miżżewġin.*

**Indikatur 2.3:** Fejn ikun possibbli u xieraq, l-unità tal-familja għandha tkun irrispettata fir-rigward tal-membri tal-familja usa'.

- **Kummenti addizzjonali:** *Jekk l-arranġamenti nazzjonali jippermettu u l-applikanti jaqblu, il-membri tal-familja usa' (inklużi qraba li ma jaqgħux fid-definizzjoni tal-Artikolu 2(c) tal-RCD) jistgħu wkoll ikunu akkomodati flimkien.*

**Indikatur 2.4:** Massimu ta' familja waħda għandha tkun allokata f'kamra tas-sodda.

- **Kummenti addizzjonali:** *Biex jiġu rispettati l-istandards tal-privatezza, l-Istati Membri għandhom jakkomodaw massimu ta' familja waħda għal kull kamra tas-sodda. L-ambitu tad-definizzjoni ta' familja jiddependi fuq il-prattika tal-Istat Membru kkonċernat.*

### **STANDARD 3: Kun żgur li tqis il-bżonnijiet speċjali meta talloka (mill-ġdid) abitazzjoni partikolari lil xi applikant.**

**Indikatur 3.1:** L-allokkazzjoni ta' abitazzjoni partikolari lill-applikanti hija bbażata fuq valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' akkoljenza speċjali tagħhom.

- **Kummenti addizzjonali:** *B'mod partikolari, l-allokkazzjoni ta' abitazzjoni lill-minorenni hija bbażata fuq il-valutazzjoni tal-aħjar interessi tal-minorenni.*

**Indikatur 3.2:** Hemm il-possibbiltà li applikant jiġi trasferit minħabba ħtiġijiet ta' akkoljenza speċjali identifikati.

- **Kummenti addizzjonali:** *B'mod partikolari, kunsiderazzjonijiet ta' sigurtà bħal fl-każijiet ta' vittmi ta' traffikar tal-bnedmin, vjolenza sesswali jew sessista, tortura jew forom serji oħrajn ta' vjolenza psikoloġika u fiżika jistgħu jenħtieġu l-allokkazzjoni mill-ġdid ta' abitazzjoni differenti għall-applikant. (ara l-Istandard 11 u l-Indikatur 35.3: Il-bżonnijiet speċjali li jitfaċċaw aktar tard huma identifikati u vvalutati b'mod adegwat.)*

#### **Prattika tajba għall-allokkazzjoni (mill-ġdid) ta' abitazzjoni lil xi applikant**

Hija meqjusa bħala prattika tajba li wieħed jittrasferixxi familja bit-tfal tal-iskola fl-aħħar tas-sena skolastika waqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-btajjel tal-iskola.

### **STANDARD 4: Kun żgur li tqis ir-raġunijiet speċifiċi u oġġettivi relatati mas-sitwazzjoni individwali tal-applikant meta talloka abitazzjoni lil xi applikant**

**Indikatur 4.1:** Hemm mekkaniżmu stabbilit biex wieħed jikkunsidra jekk hemmx raġunijiet speċifiċi u oġġettivi għall-allokkazzjoni ta' abitazzjoni partikolari.

- **Kummenti addizzjonali:** *Is-"sitwazzjoni individwali tal-applikant" imsemmija fl-istandard ta' hawn fuq tirreferi b'mod partikolari, għall-isfond kulturali, lingwistiku u reliġjuż tal-persuna, is-sess tal-applikant (eż. persuni transġender) u kunsiderazzjonijiet individwali relatata ma', pereżempju, l-impjeg, it-taħriġ vokazzjonali jew relazzjonijiet familjali eżistenti.*

## **1.3. Infrastruttura**

### **Kummenti introduttorji**

Id-definizzjonijiet li ġejjin japplikaw fir-rigward tal-istandards u l-indikaturi elenkati f'din it-taqsim:

- "Kamra (tas-sodda)": kamra separata, definita b'erba' ħitan b'bieb li jista' jingħalaq, tieqa li tista' tinfetaħ u saqaf. Fiċ-ċentri tal-abitazzjoni jew abitazzjoni oħra kondiviża, il-"kmamar tas-sodda" għandhom dejjem jinftieħu bħala kmamar li jissakkru.
- Il-"membri tal-familja" għandhom ikunu definiti skont l-Artikolu 2(c) tal-RCD.

B'mod partikolari f'din it-taqsim, l-istandards għandhom jitqiesu bħala standards minimi.

### **Standards u indikaturi**

### **STANDARD 5: Kun żgur li jkun hemm spazju suffiċjenti fil-kamra tas-sodda fl-abitazzjonijiet kollettivi.**

**Indikatur 5.1:** Spazju minimu ta' 4 m<sup>2</sup> għal kull persuna huwa pprovdut lil kull applikant.

- **Kummenti addizzjonali:** *Dan l-indikatur jista' jkun iċċarat aktar skont jekk il-kamra takkomodax applikanti li mhumiex qraba jew membri tal-familja. L-età wkoll tista' tiġi kkunsidrata, bħal fil-każ tal-akkomodazzjoni ta' familja bi trabi u tfal żgħar. Tista' ssir referenza għal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tiddefinixxi l-ispazju minimu ta' għajxien għal kull persuna, jekk dan huwa stipulat.*

**Indikatur 5.2:** Fir-rigward tal-ispazju minimu ta' 4 m<sup>2</sup> għal kull persuna, huwa assigurat għoli minimu tal-kamra ta' 2.10 m.

**Indikatur 5.3:** Jeżisti biżżejjed spazju fil-kamra tas-sodda biex titqiegħed sodda waħda u armarju wieħed għal kull applikant.

- **Kummenti addizzjonali:** Skont it-tqassim speċifiku tal-kamra, mejda u siġġu jistgħu jkunu parti mill-għamara essenzjali u għandhom jiġu kkunsidrati jekk ma jkunux ipprovduti fiż-żoni komuni.

## **STANDARD 6: Kun żgur/ra li l-privatezza tal-applikanti fl-abitazzjoni kollettiva tkun irrispettata.**

**Indikatur 6.1:** Massimu ta' sitt applikanti singoli huma akkomodati f'kamra tas-sodda waħda.

- **Kummenti addizzjonali:** In-numru massimu ta' persuni li għandhom ikunu allokati f'kull kamra tas-sodda jista' jkun iddeterminat ukoll skont iż-żmien li ser iqattgħu f'din l-abitazzjoni u d-disponibbiltà ta' spazju addizzjonali barra l-kamra tas-sodda (spazju komuni, kmamar privati oħrajn). Jekk ma jkunx prattikament fattibbli li jintlaħaq dan l-indikatur, jenħtieġ li jinstabu modi alternattivi biex tiġi żgurata l-privatezza.

**Indikatur 6.2:** Hemm kmamar tas-sodda separati għall-applikanti singoli rġiel u nisa u ebda aċċess ma huwa possibbli għall-applikanti tas-sess oppost.

- **Kummenti addizzjonali:** Ir-restrizzjoni tal-aċċess tista' tkun żgurata permezz ta' faċilitajiet separati u/jew permezz ta' sokra, mingħajr preġudizzju għall-kunsiderazzjonijiet ta' sigurtà tal-faċilità tal-akkoljenza. B'mod partikolari, l-armorji għandhom ikunu jissakkru jekk il-faċilità tilqa' applikanti bi bżonnijiet speċjali, bħal pereżempju applikanti nisa li jistgħu jkunu f'riskju ta' vjolenza sessista.

**Indikatur 6.3:** Hija prevista kamra privata (fil-bini jew barra l-bini) li hija disponibbli meta jkun meħtieġ għall-applikanti għal-laqgħat mal-assistenti legali, mal-ħaddiema soċjali u atturi rilevanti oħrajn.

**Indikatur 6.4:** Hemm stabbiliti arranġamenti speċifiċi għall-applikanti bi bżonnijiet speċjali.

- **Kummenti addizzjonali:** Pereżempju, il-minorenni mhux akkumpanjati għandhom jingħataw kmamar tas-sodda separati u ma jitħallewx jgħixu fl-istess kamra ma' applikanti adulti.

### **Prattika tajba fir-rigward tal-privatezza tal-applikanti**

Hija kkunsidrata prattika tajba li jitħalla passaggj minimu ta' mill-inqas 90 cm bejn is-sodod biex tingħata privatezza.

## **STANDARD 7: Kun żgur li l-abitazzjoni hija mgħammra biżżejjed.**

**Indikatur 7.1:** L-għamara għal kull kamra tas-sodda tinkludi mill-inqas:

**7.1.1:** sodda individwali għal kull persuna; **U**

**7.1.2:** armarju għal kull persuna jew familja, kbir biżżejjed għall-affarijiet personali (bħal ħwejjeġ, mediċini jew dokumenti).

**Indikatur 7.2:** Fi kmamar tas-sodda maqsuma bejn applikanti li mhumiex membri tal-familja, l-armorju jista' jissakkru, mingħajr preġudizzju għall-kunsiderazzjonijiet ta' sigurtà tal-faċilità ta' akkoljenza.

- **Kummenti addizzjonali:** B'mod partikolari, l-armorji għandhom ikunu jissakkru jekk il-faċilità tilqa' applikanti bi bżonnijiet speċjali, bħal pereżempju applikanti nisa li jistgħu jkunu f'riskju ta' vjolenza sessista.

**Indikatur 7.3:** L-għamara fiż-żona komuni/fis-salott tinkludi għadd suffiċjenti ta' mwejjed u siġġijiet.

**Indikatur 7.4:** Fil-faċilitajiet fejn l-applikanti jintalbu jsajru l-ikel huma stess, dawn kollha li ġejjin huma pprovduti u aċċessibbli fil-kċina:

**7.4.1:** volum suffiċjenti fil-friġġ għal kull persuna; **U**

- **Kummenti addizzjonali:** *L-isparju suffiċjenti fil-friġġ jista' jkun iċċarat aktar billi wieħed jispeċifika n-numru ta' litri jew xkafef disponibbli għal kull persuna/familja.*

**7.4.2:** spazju suffiċjenti ta' xkafef għal kull persuna/familja; **U**

**7.4.3:** aċċess minimu għal kuker għal kull persuna/familja; **U**

**7.4.4:** numru minimu ta' platti, kikkri, borom u pożati għal kull persuna.

**Indikatur 7.5:** Hemm arranġamenti speċifiċi disponibbli għall-applikanti bi bżonnijiet speċjali.

- **Kummenti addizzjonali:** *Pereżempju, it-trabi għandu jkollhom sodda tat-trabi, mejda fejn jinbidlulhom il-ħrieqi u siġġu tat-tfal; il-persuni b'mobilità mnaqqa għandhom jingħataw għamara apposta; u l-familji bi tfal tal-iskola għandu jkollhom mejda żgħira u siġġu fejn it-tfal ikunu jistgħu jagħmlu x-xogħol tad-dar.*

## **STANDARD 8: Ara li jkun hemm infrastruttura sanitarja suffiċjenti, adegwata u li taħdem fl-abitazzjoni.**

**Indikatur 8.1:** L-applikanti kollha għandu jkollhom aċċess għal doċċa/banju, sink bl-ilma kiesaħ u sħun u tojlit jaħdem tajjeb.

**Indikatur 8.2:** Tal-inqas tojlit wieħed li jaħdem u li jissakkar għal kull 10 applikanti huwa aċċessibbli 24 siegħa kuljum.

**Indikatur 8.3:** Tal-inqas hemm doċċa jew banju wieħed bl-ilma kiesaħ u sħun li jaħdem tajjeb għal kull 12-il applikant u huwa aċċessibbli għal mill-inqas tmien sigħat kuljum.

- **Kummenti addizzjonali:** *Il-proporzjon bejn id-doċċi u l-applikanti jista' jiġi aġġustat jekk huwa aċċessibbli għal perjodi itwal matul il-ġurnata.*

**Indikatur 8.4:** Tal-inqas sink wieħed bl-ilma kiesaħ u sħun u li jaħdem tajjeb huwa aċċessibbli għal kull 10 applikanti, 24 siegħa kuljum.

**Indikatur 8.5:** Jekk hemm aktar minn xawer wieħed fil-kamra tal-banju, dawn huma separati viżwalment.

**Indikatur 8.6:** Jeżistu tojlits, sinkijiet u faċilitajiet tad-doċċa separati skont is-sessi (immarkati b'mod li jidher u jinftehem sew) ħlief fil-każ ta' faċilitajiet żgħar ta' abitazzjoni.

- **Kummenti addizzjonali:** *L-appartamenti, l-appartamenti b'kamra tas-sodda waħda u djar oħrajn li jkunu maħsuba għal inqas minn 12-il persuna jistgħu jkunu eċċezzjoni.*

**Indikatur 8.7:** Fir-rigward tal-abitazzjoni kondiviża għall-applikanti li ma jkunux membri tal-familja, hemm arranġamenti stabbiliti biex ikun żgurat li l-applikanti jistgħu jaċċessaw il-faċilitajiet f'sigurtà sħiħa u li l-intimità tal-applikanti hija rrispettata f'kull ħin.

**Indikatur 8.8:** Hemm arranġamenti stabbiliti biex jiżguraw li l-ħwejjeġ u x-xugamani ma jixxarbux waqt li l-applikanti jkunu qegħdin jinħaslu.

**Indikatur 8.9:** Hemm stabbiliti arranġamenti speċifiċi għall-applikanti bi bżonnijiet speċjali.

- **Kummenti addizzjonali:** *Pereżempju, hemm aċċess kuljum għal banju tat-trabi għat-tfal ta' taħt is-sentejn.*

#### Prattika tajba fir-rigward tal-infrastruttura sanitarja

Hija kkunsidrata bħala prattika tajba:

- li t-tojlit jitqiegħed fl-istess bini tal-kamra tas-sodda u taż-żoni komuni, mhux barra;
- li jkun żgurat li l-faċilitajiet tad-doċċa jistgħu jissakkru individwalment u hemm aċċess għalihom il-ħin kollu;
- li tingħata attenzjoni lill-kwistjonijiet tas-sessi u lis-sigurtà tan-nisa, bħal pereżempju li wieħed jalloka l-installazzjonijiet sanitarji fil-qrib jew f'distanza sigura b'aċċess imdawwal tajjeb.

### STANDARD 9: Kun żgur li l-abitazzjoni hija konformi mar-regolamenti nazzjonali u lokali.

**Indikatur 9.1:** L-abitazzjoni hija mibnija skont ir-regolamenti lokali u nazzjonali applikabbli.

**Indikatur 9.2:** L-abitazzjoni hija miżmuma u operata skont ir-regolamenti lokali u nazzjonali rilevanti, b'kont meħud tal-perikli potenzjali.

- **Kummenti addizzjonali:** *Dawn li ġejjin huma eżempji kif wieħed jivvaluta l-progress miksub lejn l-istandard f'ċentru ta' abitazzjoni: hemm pjan ta' evakwazzjoni għaċ-ċentru ta' abitazzjoni viżibbli f'kull ħin; ir-rotot ta' evakwazzjoni huma ħielsa minn kull xkiel; u hemm aċċess għall-estinturi tan-nar.*

**Indikatur 9.3:** Dawl naturali u arja friskja suffiċjenti jidħlu fil-kmamar tas-sodda u fiż-żoni komuni/fis-salott filwaqt li hemm purturi u/jew purtelli biex jagħlqu d-dawl meta meħtieġ.

**Indikatur 9.4:** Teżisti sistema adegwata ta' regolazzjoni tat-temperatura għaż-żoni kollha tal-abitazzjoni.

- **Kummenti addizzjonali:** *Il-medda adegwata tat-temperatura tkun iddeterminata skont il-kondizzjonijiet klimatiċi fil-post u l-istandards ġenerali applikati għaċ-ċittadini.*

**Indikatur 9.5:** Il-kmamar tas-sodda u ż-żoni komuni huma protetti mill-istorbju ambjentali eċċessiv.

- **Kummenti addizzjonali:** *L-istorbju ambjentali jista' pereżempju jkun ikkawżat minn magni, ajruplani, ferroviji, eċċ.*

### STANDARD 10: Kun żgur li l-infrastruttura ta' ġewwa u ta' barra tal-abitazzjoni maħsuba biex takkomoda applikanti b'mobilità mnaqqsa hija adatta għall-ħtiġijiet tagħhom.

**Indikatur 10.1:** L-abitazzjoni tinsab:

**10.1(a):** fil-pjan terran; **JEW**

**10.1(b):** hemm lift adattat għall-użu mill-persuni b'mobilità mnaqqsa; **JEW**

**10.1(c):** it-turġien mhumiex aktar minn numru massimu, skont il-grad ta' mobilità mnaqqsa.

**Indikatur 10.2:** L-approċċi esterni bħal mogħdijiet jew entraturi għall-karozzi huma livellati u solidi.

**Indikatur 10.3:** L-entrata hija mfassla b'mod li tagħti aċċess lill-applikanti b'mobilità mnaqqsa.

**Indikatur 10.4:** Il-bibien u l-kuritur fl-abitazzjoni huma wesgħin biżżejjed għal min juża siġġu tar-roti.

**Indikatur 10.5:** Hemm poġġamani ta' appoġġ fil-kmamar u fil-postijiet li jintużaw minn applikanti b'mobilità mnaqqsa.

**Indikatur 10.6:** Teżisti infrastruttura sanitarja adatta, li tinkludi, pereżempju, doċċi b'aċċess għas-siġġijiet tar-roti, poġġamani, sinkijiet u tojlits f'għoli xieraq mill-art għal min juża s-siġġu tar-roti, kif ukoll wiċċ tal-art fil-kmamar tal-banju u fit-tojlits adatti għas-siġġijiet tar-roti.

## 1.4. Sigurtà

### Kummenti introduttorji

Jenħtieġ li l-abitazzjoni, l-għamara u t-tagħmir tagħha jkunu siguri skont il-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali applikabbli u bl-għan ġenerali li jkun offrut ambjent ta' għajxien sigur għall-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali kif ukoll għall-persunal li jaħdem fil-faċilitajiet ta' abitazzjoni.

### Standards u indikaturi

#### **STANDARD 11: Kun żgur li jkun hemm miżuri ta' sigurtà suffiċjenti.**

**Indikatur 11.1:** B'mod regolari ssir valutazzjoni tar-riskju, li tqis il-fatturi esterni u interni.

- **Kummenti addizzjonali:** *Il-fatturi li għandhom jiġu kkunsidrati għall-valutazzjoni tar-riskju huma: kwistjonijiet ta' sigurtà espressi mill-applikanti, il-kundizzjoni u l-post tal-abitazzjoni, l-attitudni tal-komunità ta' residenti lokali, in-numru ta' persuni li jridu jiġu akkomodati, il-kompożizzjoni tan-nazzjonalitajiet fost ir-residenti tal-abitazzjoni, l-istatus sesswali u familjali tal-applikanti, l-applikanti bi bżonnijiet speċjali akkomodati hemmhekk u l-inċidenti fil-passat.*

**Indikatur 11.2:** Miżuri ta' sigurtà adegwati huma introdotti abbażi tal-eżitu tal-valutazzjoni tar-riskju.

- **Kummenti addizzjonali:** *Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu, pereżempju: l-iffaċilitar tal-kontroll tal-aċċess permezz ta' ċint madwar l-abitazzjoni, il-provvediment ta' membru tal-persunal preżenti 24 siegħa kuljum, l-iżgurar ta' dawl suffiċjenti fiż-żoni ta' barra l-abitazzjoni u sistema ta' monitoraġġ bil-vidjow, ir-restrizzjoni tal-aċċess għall-pubbliku fejn ikun meħtieġ għas-sigurtà tal-applikanti u l-inklużjoni ta' aspetti relatati mas-sigurtà fir-"regoli tad-dar".*

**Indikatur 11.3:** Wieħed jista' jirrapporta problemi ta' sigurtà (eż. serq, vjolenza, theddid, ostilità mill-komunità esterna) lill-persunal responsabbli b'mod sigur.

- **Kummenti addizzjonali:** *L-applikanti għandhom ikunu informati dwar is-sistema ta' rapportar f'każ ta' inċidenti.*

**Indikatur 11.4:** In-numri tal-linji ta' emerġenza huma esebiti f'post viżibbli u hemm telefon disponibbli.

**Indikatur 11.5:** Il-miżuri tas-sigurtà jiffukaw ukoll fuq id-detezzjoni u l-prevenzjoni ta' vjolenza sesswali u sessista.

**Indikatur 11.6:** Saru arranġamenti speċifiċi għall-applikanti bi bżonnijiet speċjali.

- **Kummenti addizzjonali:** *Jenħtieġ li jiġu stabbiliti miżuri speċifiċi li jiżguraw is-sigurtà tal-applikanti kollha, b'mod partikolari dawk bi bżonnijiet speċjali relatati mal-età, l-istat tal-familja, is-sess, l-identità sesswali jew l-orjentament sesswali tagħhom u mal-problemi tas-saħħa fiżika u mentali tagħhom. Għandu jkun hemm stabbiliti wkoll arranġamenti speċifiċi ta' sigurtà għall-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, tal-vjolenza sesswali u sessista, tat-tortura jew ta' forom oħrajn ta' vjolenza psikoloġika u fiżika. Dawn il-miżuri jistgħu pereżempju jinkludu l-possibbiltà li applikanti b'orientament sesswali differenti jiġu akkomodati separatament minn applikanti oħrajn tal-istess sess, jew li applikant li huwa f'riskju li jkun soġġett, jew li kien soġġett, għal vjolenza sessista jiġi trasferit (ara l-Istandard 3: Allokazzjoni (mill-ġdid) tal-applikanti minħabba l-bżonnijiet speċjali tagħhom) jew li t-fal jingħataw spazju protett fejn jilagħbu li jkun ħieles minn kwalunkwe periklu. Fil-faċilitajiet li jospitaw minorenni mhux akkumpanjati għandu jkun hemm miżuri speċifiċi ta' prevenzjoni biex jiġi evitat li jintilfu t-fal.*

**Prattika tajba fir-rigward tal-miżuri ta' sigurtà**

Hija meqjusa prattika tajba fiċ-ċentri tal-abitazzjoni:

- li jkun hemm spazji disponibbli fejn gruppi speċifiċi jistgħu jesprimu t-tħassib tagħhom dwar is-sigurtà fil-privat biex jiġi nkoraggjati ir-rapportar tal-vjolenzja;
- li jsir użu minn sistema ta' reġistrazzjoni jew ta' dokumentazzjoni ta' inċidenti tas-sigurtà.

## 1.5. Iż-żoni komuni

### Kummenti introduttorji

Fil-qafas ta' din il-gwida, il-frażi "żoni komuni" tirreferi għal spazju fejn l-applikanti jieklu u jqattgħu l-ħin liberu tagħhom. Id-daqs u l-organizzazzjoni taż-żona komuni, kif ukoll il-funzjonalità tagħha, jiddependu mit-tip ta' abitazzjoni li fiha jinsabu l-applikanti. Bħala tali, "żoni komuni" tista' tirreferi għal kamra waħda jew aktar li jistgħu jintużaw mill-applikanti.

Fir-rigward ta' faċilitajiet ta' abitazzjoni akbar, "żoni komuni" tista' tirreferi għal numru ta' kmamar differenti li kull waħda minnhom tissodisfa għanijiet multipli, jiġifieri għall-ikel, għall-attivitajiet ta' divertiment jew bħala post fejn wieħed jieħu sehem f'attivitajiet kollettivi oħrajn (eż. lezzjonijiet tal-lingwa, l-għoti ta' informazzjoni). Fl-istess waqt, faċilitajiet iżgħar jista' jkollhom kamra waħda għal diversi skopijiet li tista' tinbidel f'kamra tal-ikel/salott jew kamra għall-attivitajiet ta' divertiment, skont il-ħtieġa u l-ħin tal-ġurnata. Diment li jkun hemm privatezza suffiċjenti, iż-żona komuni ta' faċilitajiet iżgħar, jew parti minnha, tista' wkoll tintuża biex l-applikanti jiltaqgħu mal-ħaddiema soċjali jew mal-konsulenti legali.

Ta' min jinnota li l-frażi "attivitajiet ta' divertiment" tirreferi għal attivitajiet li jinvolvu mhux biss lit-tfal iżda wkoll lill-adulti. Dan huwa bbażat fuq ir-rabta importanti li teżisti bejn il-possibbiltà tal-applikanti li jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ta' divertiment u s-saħħa mentali tagħhom. L-eżistenza ta' spazju għall-attivitajiet ta' divertiment jew il-possibbiltà li l-applikanti jinvolvu ruħhom f'attivitajiet kollettivi (eż. lezzjonijiet tal-lingwa, sessjonijiet ta' taġrif fi gruppi jew attivitajiet sportivi) għandha skop importanti peress li tgħin biex iddaħħal aktar struttura fil-ġurnata tagħhom u għalhekk tista' tgħin biex jonqsu t-tensjonijiet li jinħolqu minħabba li jqattgħu ħafna ħin mingħajr ma jagħmlu xejn. Dan huwa partikolarment rilevanti matul il-fażijiet inizjali tal-proċedura tal-asil meta l-applikanti ma jkunux (għadhom) jistgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol jew jieħdu taħriġ formali.

### Standards u indikaturi

#### **STANDARD 12: Kun żgur li l-applikanti għandhom biżżejjed spazju fejn jieklu.**

**Indikatur 12.1:** L-applikanti kollha għandhom il-possibbiltà li jieklu fi spazju maħsub apposta.

- **Kummenti addizzjonali:** *Huwa possibbli l-applikanti kollha jieklu f'kantin (f'faċilità kbira) jew f'kamra fejn hemm mejda u numru suffiċjenti ta' siġġijiet. Il-kamra tal-ikel jista' jkollha funzjonijiet oħrajn ukoll, diment li tkun disponibbli għall-ikel f'ċerti ħinijiet.*

#### **STANDARD 13: Kun żgur li l-applikanti għandhom spazju biżżejjed għall-attivitajiet ta' divertiment u fi gruppi.**

**Indikatur 13.1:** Teżisti żona fl-abitazzjoni jew fi spazju pubbliku fil-qrib li hija adatta għall-attivitajiet ta' divertiment.

- **Kummenti addizzjonali:** *Is-sess, l-età u l-ħtiġijiet kulturali u reliġjużi tal-applikanti għandhom jiġu kkunsidrati meta wieħed iħejji l-kmamar għall-attivitajiet ta' divertiment fl-akkomokazzjonijiet kollettivi. Jekk ikun possibbli, dan jista' jinvolvi kmamar separati jew sigħat differenti li fihom ikun jistgħu jintużaw il-kmamar maħsuba għad-divertiment.*



**Indikatur 13.2:** Meta l-attivitajiet tal-grupp ikunu organizzati mill-Istat Membru, hemm disponibbli spazju suffiċjenti u adegwat, pereżempju fil-forma ta' kamra separata.

- **Kummenti addizzjonali:** Il-frażi “attività tal-grupp” tirreferi, pereżempju, għal lezzjonijiet tal-lingwa, sessjonijiet ta' informazzjoni lill-gruppi, attivitajiet sportivi, eċċ.

**Indikatur 13.3:** Jekk il-faċilità tospita tfal, hemm kamra/żona sigura fejn huma jistgħu jilagħbu u jagħmlu attivitajiet fil-beraħ fl-abitazzjoni nfisha jew fl-isparju pubbliku fil-qrib.

#### Prattika tajba fir-rigward taż-żoni komuni

Hija meqjusa prattika tajba li wieħed jipprovi persuni li jissorveljaw lit-tfal fi spazji adatti għat-tfal fil-ħin li l-ġenituri jkollhom l-attivitajiet tal-grupp.

## 1.6. Is-sanità

### Kummenti introduttorji

It-terminu “sanità” jirreferi għall-proċess li fih il-bini jinżamm ħieles minn ħmieġ, infezzjonijiet, mard, eċċ. billi jitnaddaf u jitneħħa l-iskart. F'konformità ma' dan, it-terminu “nadif” jirreferi għan-nuqqas ta' pesti, insetti, mikrobi u perikli oħrajn. L-istandards sanitarji applikabbli deskritti f'din it-taqsimta japplikaw għall-abitazzjoni kollha, inklużi ż-żoni privati kif ukoll iż-żoni komuni għol-abitazzjoni u barra (jekk japplika). Skont il-kuntest nazzjonali, l-iżvilupp u l-monitoraġġ ta' dawn l-istandards jistgħu jkunu r-responsabbiltà ta' awtoritajiet rilevanti oħrajn (eż. korpi superviżorji tas-sanità).

F'faċilitajiet akbar, “żoni privati” tirreferi għall-kamra tas-sodda biss, filwaqt li l-bqija tal-kmamar jaqgħu fil-kategorija ta' żoni komuni. Madankollu, l-istandards sanitarji jvarjaw bejn tipi differenti ta' żoni komuni, bħall-kċina, iż-żoni sanitarji u kmamar oħrajn, fosthom l-uffiċċji jew il-kmamar tal-attivitajiet. Iżda f'faċilitajiet iżgħar, il-kċina, il-kamra tal-banju u kmamar oħrajn għandhom jitqiesu bħala żoni privati wkoll.

Għalkemm iż-żamma ta' standards sanitarji adegwati taqa' taħt ir-responsabbiltà ġenerali tal-awtoritajiet rilevanti fl-Istati Membri, l-applikanti wkoll jistgħu jkunu involuti. Fil-prattika, dawn tal-aħħar normalment ikunu responsabbli mit-tindif taż-żoni privati. Barra minn hekk, skont il-leġiżlazzjoni/ir-regolamenti nazzjonali, żoni oħrajn jistgħu jitnaddfu mill-applikanti fuq bażi volontarja. F'ċerti każijiet, dan ikun imħallas ukoll bħala parti minn xogħlijiet iżgħar mogħtija fl-abitazzjoni kollettiva. F'dawk il-każijiet, il-proċess tat-tindif għandu jkun sorveljat mill-korp responsabbli, jew minn kumpanija tat-tindif speċjalizzata.

Deskrizzjoni dettaljata tar-responsabbiltajiet relatati mal-indafa tal-abitazzjoni għandha tinkiteb fir-regoli tal-abitazzjoni.

### Standards u indikaturi

#### **STANDARD 14: Kun żgur li ż-żoni privati u komuni jinżammu nodfa.**

**Indikatur 14.1:** Il-faċilità tal-abitazzjoni tosserva l-iskeda tat-tindif.

- **Kummenti addizzjonali:** Għal kull żona, huwa speċifikat kemm-il darba u sa liema standard għandha tkun imnaddfa.

**Indikatur 14.2:** L-indafa taż-żoni privati u komuni tal-abitazzjoni hija ċċekkjata fuq bażi regolari.

- **Kummenti addizzjonali:** Il-kontrolli jieħdu inkunsiderazzjoni l-ħtieġa tal-applikanti għall-privatezza.

**Indikatur 14.3:** L-indafa hija ċċekkjata meta n-nies imorru f'kamra oħra jew f'faċilità differenti ta' abitazzjoni.



**Indikatur 14.4:** Fejn l-applikanti huma responsabbli għat-tindif, huma għandhom aċċess għall-prodotti u oġġetti tat-tindif meħtieġa kif ukoll tagħmir ta' protezzjoni bħal ingwanti u maskri.

**Prattika tajba fir-rigward tat-tindif fiż-żoni privati u komuni**

Hija meqjusa bħala prattika tajba fiċ-ċentri ta' abitazzjoni li tiġi introdotta skeda tat-tindif li tinkiteb b'mod ċar u viżibbli u li tista' tiġi ċċekkjata mill-applikanti.

**STANDARD 15: Kun żgur li l-kċina u li ż-żoni sanitarji jinżammu nodfa.**

**Indikatur 15.1:** L-indafa taż-żoni hija konformi mar-regolamenti u l-istandards lokali u nazzjonali.

- **Kummenti addizzjonali:** Dawn ir-regolament jistgħu pereżempju jirreferu għal operazzjonijiet regolari biex jilqgħu għall-annimali gerriema u dud.

**Indikatur 15.2:** Iż-żoni jitnaddfu tal-inqas darba kuljum (fiċ-ċentri ta' abitazzjoni), jew skont il-bżonn.

**Indikatur 15.3:** Tindif bir-reqqa taż-żoni jsir b'mod regolari.

- **Kummenti addizzjonali:** Fiċ-ċentri ta' abitazzjoni, dan it-tindif fil-fond jista' jsir tal-inqas erba' darbiet fis-sena. L-istandards għall-indafa tal-kċejjen użati mill-applikanti jew għat-tisjir professjonali jvarjaw.

**STANDARD 16: Kun żgur li l-applikanti jistgħu jaħslu l-ħwejjeġ tagħhom jew li jinħasluhom fuq bażi regolari.**

**Indikatur 16.1:** Meta l-lożor u x-xugamani jingħataw *in natura* u jinħaslu mill-faċilità tal-abitazzjoni, għandhom jinħaslu b'mod regolari.

- **Kummenti addizzjonali:** Dan għandu jsir tal-anqas darba kull ħmistax għal-lożor u darba fil-ġimgħa għax-xugamani.

Indikaturi alternattivi:

**Indikatur 16.2(a):** L-applikanti għandhom ikunu jistgħu jaħslu l-ħwejjeġ tal-anqas darba f'ġimgħa. **JEW**

- **Kummenti addizzjonali:** Dan l-indikatur jista' jkun iċċarat fil-kuntest nazzjonali billi jiġi speċifikat in-numru ta' magni tal-ħasil u l-possibbiltà adegwata li jitnixxfu l-ħwejjeġ għal kull numru fiss ta' persuni.

**Indikatur 16.2(b):** Hemm servizz disponibbli biex ikunu jistgħu jinħaslu l-ħwejjeġ tal-applikanti.

- **Kummenti addizzjonali:** Is-servizz tal-ħasil tal-ħwejjeġ għandu jkun aċċessibbli biżżejjed, pereżempju tal-anqas ħamest ijiem fil-ġimgħa (inkluż fi tmiem il-ġimgħa).

## 1.7. Il-manutenzjoni

### Kummenti introduttorji

F'din it-taqsim, it-terminu "manutenzjoni" għandu jinftehem bħala sett ta' attivitajiet li huma meħtieġa u li jsiru biex kemm jista' jkun u għall-aktar żmien possibbli tinżamm il-kundizzjoni oriġinali tal-abitazzjoni.

Għalkemm il-manutenzjoni tal-faċilità ta' akkoljenza taqa' taħt ir-responsabbiltà ġenerali tal-awtoritajiet rilevanti fl-Istati Membri, l-applikanti jistgħu wkoll ikunu involuti fuq bażi volontarja, jekk il-leġiżlazzjoni/ir-regolamenti nazzjonali jippermettu. F'ċerti każijiet, dan ikun imħallas ukoll bħala parti mix-xogħlijiet żgħar mogħtija fl-abitazzjoni kollettiva. F'dawk il-każijiet, il-proċess għandu jkun sorveljat mill-korp responsabbli jew minn kumpanija speċjalizzata inkarigata mix-xogħlijiet ta' manutenzjoni.

## Standards u indikaturi

### **STANDARD 17: Kun żgur li l-faċilitajiet ta' abitazzjoni huma siguri u jaħdmu kif suppost permezz ta' manutenzjoni regolari.**

**Indikatur 17.1:** Il-funzjonament tajjeb tal-abitazzjoni u l-għamara u t-tagħmir tagħha huwa evalwat fuq bażi regolari.

- **Kummenti addizzjonali:** Dawn il-kontrolli għandhom isiru tal-anqas darba fis-sena. Lista ta' kontroll meta ssir l-evalwazzjoni tista' tgħin ħafna.

**Indikatur 17.2:** L-applikanti għandhom il-possibbiltà li jirrapportaw il-bżonn ta' manutenzjoni u tiswijiet.

**Indikatur 17.3:** It-tiswijiet u l-bdil meħtieġa fl-abitazzjoni jsiru f'waqthom u bi kwalità adegwata.

- **Kummenti addizzjonali:** Mingħajr preġudizzju għall-fatt li r-responsabbiltà ġenerali tal-manutenzjoni tal-abitazzjoni taqa' taħt l-awtorità ta' akkoljenza, ċerti kompiti ta' manutenzjoni jistgħu jsiru mill-applikanti bħala parti minn xogħlijiet żgħar — diment li dawn jitħallsu u jiġu allokati fuq bażi volontarja. Fi kwalunkwe każ is-superviżjoni ġenerali għandha taqa' f'idejn il-korp responsabbli.

## 1.8. L-apparat u s-servizzi ta' komunikazzjoni

### Kummenti introduttorji

Il-komunikazzjoni għandha rwol importanti għall-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali matul il-proċedura ta' akkoljenza. It-terminu "komunikazzjoni" jinkludi kemm il-komunikazzjoni li tirrigwarda l-istatus proċedurali tal-applikanti kif ukoll il-komunikazzjoni privata, bħal pereżempju mal-membri tal-familja. Ta' min jinnota li, l-aċċess adegwat għall-komunikazzjoni jista' jgħin għas-saħħa mentali tal-applikanti peress li jista' jipprevjeni l-ansjetà kkawżata min-nuqqas ta' kuntatt mal-membri tal-familja u l-ħbieb li jkunu tħallew fil-pajjiż tal-orġini jew fi transitu jew minn aċċess mhux adegwat għall-komunikazzjoni ma' organizzazzjonijiet li jipprovdu assistenza legali jew servizzi rilevanti oħrajn. Fi kwalunkwe każ, l-applikanti għandhom jiġu avżati dwar id-deċiżjoni permezz tal-posta fejn ikun xieraq.

#### Referenzi legali — L-apparat u s-servizzi ta' komunikazzjoni

- L-Artikolu 18(2)(b) tal-RCD: Modalitajiet għal kondizzjonijiet materjali ta' akkoljenza

## Standards u indikaturi

### **STANDARD 18: Kun żgur li l-applikanti għandhom aċċess adegwat għal telefon biex ikunu jistgħu jagħmlu telefonati dwar kwistjonijiet proċedurali, legali, mediċi u edukattivi.**

**Indikatur 18.1:** L-aċċess għal telefon huwa possibbli tal-anqas għat-telefonati li jirrigwardaw il-kwistjonijiet proċedurali, legali, mediċi jew edukattivi.

**Indikatur 18.2:** L-applikanti għandhom aċċess kuljum għal mill-anqas telefon wieħed kull unità ta' abitazzjoni.

- **Kummenti addizzjonali:** In-numru ta' telefons li għandhom ikunu installati fil-post jiddependi min-numru ta' applikanti residenti fih.

**Indikatur 18.3:** L-applikanti jistgħu jirċievu telefonati f'ambjent privat, jiġifieri applikanti oħrajn ma jistgħux jismigħu l-konverżazzjoni.

### **STANDARD 19: Kun żgur li l-applikanti għandhom aċċess adegwat għall-internet.**

**Indikatur 19.1:** L-applikanti għandhom aċċess għall-internet fl-abitazzjoni nfisha jew fl-ispazju pubbliku viċin tal-anqas erba' darbiet fil-ġimgħa.

- **Kummenti addizzjonali:** L-aċċess għall-internet fl-abitazzjoni jista' jkun iffaċilitat kemm permezz ta' netwerk bla fili (wi-fi) għall-applikanti li jkollhom apparat ta' komunikazzjoni personali (eż. smart phones) kif ukoll permezz ta' numru adegwat ta' kompjuters għal numru fiss ta' persuni. jekk l-aċċess għall-internet ikun ipprovdut barra l-abitazzjoni, dan għandu jkun jista' jintlaħaq faċilment bil-mixi jew permezz tat-trasport pubbliku (ara Standard 1: Post). L-aċċess għall-internet mhux bilfors għandu jkun disponibbli bla ħlas (ara l-Indikatur 28.4: Konċessjoni għall-ispejjeż ta' kuljum).

### **STANDARD 20: Kun żgur li l-applikanti għandhom il-possibbiltà li jiċċarġjaw l-apparat ta' komunikazzjoni tagħhom.**

**Indikatur 20.1:** Hemm tal-anqas sokit wieħed disponibbli u aċċessibbli f'kull kamra tas-sodda biex wieħed ikun jista' jiċċarġja l-apparat elettroniku.

#### **Prattika tajba fir-rigward tal-iffaċilitar tal-aċċess għat-tagħmir u s-servizzi ta' komunikazzjoni**

Hija kkunsidrata bħala prattika tajba:

- li l-applikanti jingħataw il-possibbiltà li jikkopjaw jew jistampaw bla ħlas dokumenti rilevanti għall-proċedura tal-asil jew relatati ma' kwistjonijiet mediċi;
- li wieħed jiffaċilita l-aċċess għal televiżjoni b'kanali f'mill-anqas l-aktar żewġ lingwi mifruxa fost l-applikanti fl-abitazzjoni partikolari (ara l-Indikatur 13.1: Iż-żoni komuni).



## 2. L-ikel

### Kummenti introduttorji

It-terminu “ikel” kif użat f’din it-taqsimha jinkludi ikel kif ukoll xorb mhux alkoħoliku. Bl-istess approċċ tat-taqsimha dwar l-abitazzjoni, l-istandards inklużi f’din it-taqsimha għandhom jitqiesu irrispettivament minn jekk l-applikanti jingħatawx ikel *in natura* jew fil-forma ta’ konċessjoni finanzjarja jew vawċers. Dan ifisser li l-Istati Membri li jagħżlu li jipprovdu lill-applikanti konċessjoni finanzjarja jew vawċers sabiex ikopru l-ispejjeż tal-ikel iridu jaraw li huma suffiċjenti biex jippermettu lill-applikanti jixtru ikel konformi mal-istandards elenkati f’din it-taqsimha.

#### Referenzi legali — l-ikel

- L-Artikolu 2(g) tal-RCD: id-definizzjoni ta’ kondizzjonijiet ta’ akkoljenza materjali

### Standards u indikaturi

#### **STANDARD 21: Kun żgur li l-applikanti għandhom aċċess għal ikel suffiċjenti u adegwat.**

**Indikatur 21.1:** L-istandards dwar is-sigurtà tal-ikel huma osservati.

- **Kummenti addizzjonali:** *F’konformità mal-Analiżi tal-Perikli u Punti Kritiċi ta’ Kontroll (HACCP) <sup>(6)</sup> għall-approċċ lejn is-sigurtà tal-ikel żviluppata mill-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agricoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO), is-sanità tal-abitazzjonijiet, b’mod partikolari tal-kċejjen, għandha ssegwi approċċ preventiv pjuttost milli approċċ korrettiv. F’konformità ma’ dan l-istandard, wieħed għandu jara li l-kċejjen ikunu nodfa, peress li n-nuqqas ta’ ndafa jista’ jkun ta’ periklu għas-saħħa ġenerali fl-abitazzjoni.*

**Indikatur 21.2:** Tal-anqas jisservew tliet ikliet kuljum lill-adulti u ħamsa lill-minorenni, li minnhom tal-anqas waħda hija msajra u servuta sħuna.

**Indikatur 21.3:** L-ikliet jiżguraw dieta bilanċjata u varjata, li tinkludi ħalib għall-minorenni u t-trabi meta jkun meħtieġ.

- **Kummenti addizzjonali:** *L-ikliet jikkonsistu f’ikel varjat, pereżempju l-ikliet huma bbażati fuq iċ-ċereali, ħobż u ross, frott u ħaxix, ħalib, prodotti tal-ħalib, laħam, bajd jew ħut.*

**Indikatur 21.4:** L-applikanti jiġu informati dwar x’tinkludi l-ikla.

- **Kummenti addizzjonali:** *L-informazzjoni tista’ tingħata b’mod ġenerali (b’tikketti, eċċ.) jew meta tintalab.*

**Indikatur 21.5:** Hemm stabbiliti arranġamenti speċifiċi għall-applikanti bi ħtiġijiet ta’ dieta speċjali.

- **Kummenti addizzjonali:** *Pereżempju, nisa tqal jew li qegħdin iredgħu u persuni b’ċertu mard u allerġiji tal-ikel għandhom ikunu kkunsidrati.*

**Indikatur 21.6:** Il-preferenzi tal-ikel u r-restrizzjonijiet tad-dieta ta’ gruppi speċifiċi huma kkunsidrati.

- **Kummenti addizzjonali:** *“Gruppi speċifiċi” tirreferi għall-applikanti bi sfond reliġjuż u/jew kulturali speċifiku kif ukoll applikanti veġetarjani/veġetarji.*

<sup>(6)</sup> Ara Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agricoltura tan-Nazzjonijiet Uniti, *Is-Sistema ta’ Analiżi tal-Perikli u Punti Kritiċi ta’ Kontroll (HACCP)*, (<http://www.fao.org/docrep/005/y1579e/y1579e03.htm>).

### Prattika tajba fir-rigward tal-provvista tal-ikel

Hija kkunsidrata bħala prattika tajba:

- li l-applikanti jitħallew isajru għalihom infushom fejn ikun possibbli u adegwat peress li dan jinkoraġġixxi l-awtonomija tagħhom, iżid is-sensazzjoni ta' normalità/kumdità u jista' jgħin biex jistruttura l-ħajja ta' kuljum tal-applikanti; u
- li l-applikanti jingħataw il-possibbiltà li jkunu servuti separatament ikliet imsajra jew imsaħħna mill-ġdid jekk ikollhom raġuni tajba biex jaqbżu l-ikla regolari tagħhom; u
- li l-applikanti jiġu kkonsultati dwar il-menù u s-sajran tal-ikel.

## **STANDARD 22: Kun żgur li l-applikanti għandhom aċċess għal ilma tax-xorb 24 siegħa kuljum.**

**Indikatur 22.1:** Kull applikant jingħata minimu ta' żewġ litri u nofs ilma kuljum waqt li l-fiżjoloġija personali u l-klima għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni.

- **Kummenti addizzjonali:** Aktar dettalji dwar il-kwantità minima ta' ilma tax-xorb kuljum jistgħu jinstabu fl-istandards żviluppati bħala parti mill-Proġett Sfera <sup>(?)</sup>.

**Indikaturi alternattivi:**

**Indikatur 22.2(a):** L-infrastruttura tal-abitazzjoni hija adegwata għall-ilma tax-xorb. **JEW**

**Indikatur 22.2(b):** L-ilma tax-xorb huwa mqassam fl-assenza ta' infrastruttura adegwata.

- **Kummenti addizzjonali:** L-applikanti għandhom ikunu informati li l-ilma tal-vit huwa tajjeb għax-xorb, fejn japplika.

### Prattika tajba fir-rigward tal-provvista tax-xorb

Hija meqjusa bħala prattika tajba li wieħed jipprovdi tè u kafè.

<sup>(?)</sup> Il-Proġett Sfera, *Kemm ilma hemm bżonn fl-emerġenzi?*, Aċċessibbli online fuq: [http://www.who.int/water\\_sanitation\\_health/publications/2011/WHO\\_TN\\_09\\_How\\_much\\_water\\_is\\_needed.pdf?ua=1](http://www.who.int/water_sanitation_health/publications/2011/WHO_TN_09_How_much_water_is_needed.pdf?ua=1)

## 3. Ħwejjeġ u oġġetti oħrajn mhux tal-ikel

### Kummenti introduttorji

F'konformità mat-taqsimiet dwar l-abitazzjoni u l-ikel, l-istandards inklużi f'din it-taqsimi għandhom jitqiesu irrispettivament minn jekk l-applikanti jingħatawx ħwejjeġ in natura jew fil-forma ta' konċessjoni finanzjarja jew vawċers. Dan ifisser li jekk l-Istati Membri jagħżlu li jipprovdu lill-applikanti konċessjoni finanzjarja sabiex ikopru l-ispejjeż tal-ħwejjeġ, din il-konċessjoni għandha tippermetti lill-applikanti jixtru ħwejjeġ skont l-istandards elenkati f'din it-taqsimi. Dan huwa mingħajr preġudizzju għas-sitwazzjonijiet fejn l-applikanti diġà għandhom biżżejjed ħwejjeġ skont l-istandards inklużi f'din it-taqsimi u b'hekk mgħandhomx bżonn jirċievu ħwejjeġ oħrajn. It-terminu ħwejjeġ kif użat f'din it-taqsimi jirreferi kemm għall-ħwejjeġ kif ukoll għaż-żraben.

Fil-kuntest ta' din il-gwida, il-frażi "oġġetti mhux tal-ikel" tirreferi għal oġġetti essenzjali tad-dar minbarra l-ikel, li jinkludu pereżempju prodotti tal-iġjene personali, prodotti tat-tindif u tal-ħasil, lożor u xugamani. Fil-kuntest ta' applikanti fl-età tal-iskola, oġġetti mhux tal-ikel jinkludu wkoll oġġetti ta' użu għall-iskola.

Il-provvista ta' oġġetti mhux tal-ikel għandha dejjem isseħħ b'kont meħud tas-sitwazzjoni tal-familja tal-applikant. B'mod speċifiku, il-kompożizzjoni tal-oġġetti mhux tal-ikel u l-kwantità pprovdata għandha tiegħu inkunsiderazzjoni l-ħtiġijiet personali tal-applikant inkwistjoni.

#### Referenzi legali — ħwejjeġ u oġġetti oħrajn mhux tal-ikel

- L-Artikolu 2(g) tal-RCD: id-definizzjoni ta' kondizzjonijiet ta' akkoljenza materjali

### Standards u indikaturi

#### STANDARD 23: Kun żgur li l-applikant għandu ħwejjeġ suffiċjenti.

**Indikatur 23.1:** L-applikant għandu biżżejjed ħwejjeġ ta' taħt għal ġimgħa mingħajr ma jkollu għalfejn jaħsel.

- **Kummenti addizzjonali:** Dan ta' hawn fuq għandu jitqies li huwa minimu ta' tmien settijiet ta' ħwejjeġ ta' taħt.

**Indikatur 23.2:** L-applikant għandu tal-anqas numru minimu ta' oġġetti ta' lbies.

- **Kummenti addizzjonali:** Dan ta' hawn fuq għandu jitqies li huwa tal-anqas ħames oġġetti li jinkludu minn taħt għall-parti ta' fuq tal-ġisem (bħal T-shirt, qmis, blaws), tal-anqas tliet oġġetti għall-parti ta' isfel tal-ġisem (qalziet, dublett, xorz), tal-anqas tliet oġġetti bħal flokk bil-barnuża, ġerzi jew ġakketta u żewġ settijiet ta' lbies tas-sodda.

**Indikatur 23.3:** L-applikant għandu mill-inqas żewġ pari żraben.

- **Kummenti addizzjonali:** Dan jista' jinkludi par żarbut għal ġewwa u par biex jinkludis barra.

**Indikatur 23.4:** L-applikanti jingħataw il-ħwejjeġ mill-aktar fis possibbli.

- **Kummenti addizzjonali:** Sa f'tit sigħat wara li jkun ġie assenjat abitazzjoni, kull applikant għandu jkun liebes tal-anqas ħwejjeġ bażiċi (provviżorji) li bihom ikun jista' jdur liberu fiż-żoni kollha aċċessibbli (kemm ġewwa kif ukoll barra) maħsuba għalih.

**Indikatur 23.5:** Jekk xi ħwejjeġ ma jibqgħux tajbin minħabba li jitqattgħu bl-użu, hemm mod standardizzat kif wieħed jikseb ħwejjeġ oħrajn minflokhom.

**Indikatur 23.6:** L-applikanti għandhom biżżejjed ħwejjeġ għat-trabi u għat-tfal għal ġimgħa mingħajr ma għandhom għalfejn jaħslu.

#### Prattika tajba fir-rigward tal-provvista ta' ħwejjeġ suffiċjenti

Hija kkunsidrata bħala prattika tajba:

- li wieħed jevita li joħloq “dehra ta’ uniformi” għall-applikanti kollha (jekk l-ilbies ikun ipprovdut in natura) peress li dan jgħin biex tiġi evitata l-istigmatizzazzjoni;
- li wieħed jistabbilixxi “ħażna ta’ donazzjoni” u konnessjonijiet ma’ NGOs umanitarji biex jinkisbu u jitqassmu ħwejjeġ użati.

### STANDARD 24: Kun żgur li l-applikanti jkollhom ħwejjeġ adegwati.

**Indikatur 24.1:** Il-ħwejjeġ huma ta’ daqs raġonevoli għall-applikanti.

**Indikatur 24.2:** L-ilbies huwa raġonevolment diċenti u xieraq għall-istandard prevalenti tas-soċjetà ospitanti u għall-isfond tal-applikanti.

- **Kummenti addizzjonali:** L-oġġetti tal-ilbies (ħlief għall-ilbies ta’ taħt) m’għandhomx għalfejn ikunu ġodda, iżda għandhom ikunu fi stat tajjeb.

**Indikatur 24.3:** Hemm disponibbli lbies adegwat għall-istaġuni.

- **Kummenti addizzjonali:** Dan ifisser, pereżempju, li l-applikant għandu jkollu kowt/ġakketta tax-xitwa, ingwanti, beritta għax-xitwa, beritta, xalpa għax-xitwa u żarbun tax-xitwa, fejn meħtieġ.

#### Prattika tajba fir-rigward tal-provvista ta' ħwejjeġ adegwati

Hija meqjusa prattika tajba li wieħed joffri lill-applikanti nisa tal-anqas velu wieħed bħala parti minn sett ta’ ħwejjeġ ipprovdut lilhom, jekk jitolbuh.

### STANDARD 25: Kun żgur li l-applikanti għandhom aċċess għal prodotti suffiċjenti u adegwati tal-iġjene personali.

**Indikatur 25.1:** Teżisti lista li tispesifika liema tip u kwantità ta’ prodotti tal-iġjene personali l-applikanti ta’ ċerta età u sess huma intitolati li jirċievu.

- **Kummenti addizzjonali:** Din il-lista hija komunikata b’mod ċar lill-applikanti.

**Indikatur 25.2:** L-applikanti għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom il-prodotti tal-iġjene personali meħtieġa, kemm permezz ta’ tqassim regolari in natura jew fuq bażi per capita jew permezz tal-konċessjoni għall-ispejjeż ta’ kuljum.

- **Kummenti addizzjonali:** Biex tinżamm l-indafa personali, l-iġjene u l-prevenzjoni ta’ mard infettiv, għandu jkun hemm għad-dispożizzjoni tal-applikanti prodotti tal-iġjene bażiċi. Dawn għandhom jinkludu, pereżempju: xkupilja tas-snien, tutpejst, toilet paper, sapon, xampù, magna li tqaxxar il-lejha/fowm tal-lejha, pads sanitarji, ħrieqi u prodotti tal-iġjene oħrajn meħtieġa għall-kura tat-trabi.



## **STANDARD 26: Kun żgur li l-applikanti għandhom aċċess għal oġġetti oħrajn essenzjali li mhumiex tal-ikel**

**Indikatur 26.1:** Hemm provvista suffiċjenti ta' bjankerija tas-sodda u xugamani.

- **Kummenti addizzjonali:** *Jekk l-applikant huwa responsabbli għall-ħasil tal-bjankerija tas-sodda tiegħu, jiġu pprovduti tal-anqas żewġ pari biex wieħed jissostitwixxi lill-ieħor.*

**Indikatur 26.2:** Is-sapun tal-ħasil huwa disponibbli jekk l-applikanti jaħslu l-ħwejjeġ tagħhom stess.

**Indikatur 26.3:** Hemm stabbiliti arranġamenti speċifiċi għall-applikanti bi bżonnijiet speċjali.

- **Kummenti addizzjonali:** *Pereżempju, dan ikun ifisser li familja b'tarbija għandha aċċess għal puxċer u li tarbija li telqet timxi jkollha potty. Kull tifel jew tifla jista' juża ġugarelli adatti għall-età tiegħu jew tagħha u f'kundizzjoni tajba. Persuna b'diżabbiltajiet fiżiċi jew li tkun qed tirkupra minn xi korriment jew trattament mediku tista' tingħata krozz, siġġu tar-roti jew tagħmir mediku ieħor kull meta dawn ma jistgħux jinkisbu minn imkien ieħor (mingħand aġenti oħra b'ħas-sistema tas-saħħa pubblika).*

### **Prattika tajba fir-rigward tal-provvediment tal-aċċess għal oġġetti oħrajn essenzjali mhux tal-ikel**

Hija kkunsidrata prattika tajba li wieħed jipprovi lill-applikanti b'aċċess għal sett tal-moġħdija u hair dryer fejn meħtieġ.

## **STANDARD 27: Kun żgur li t-tfal irregjistrati fl-iskola jingħataw ilbies adegwat u aċċessorji tal-iskola li jippermettulhom jipparteċipaw bis-siġħ fl-attivitajiet edukattivi tal-iskola.**

**Indikatur 27.1:** Tfal li jattendu l-iskola obbligatorja jingħataw ilbies adegwat għall-attivitajiet tal-iskola.

- **Kummenti addizzjonali:** *Dan jista' jinkludi uniformi tal-iskola fejn din tkun obbligatorja, kif ukoll ilbies u żraben sportivi.*

**Indikatur 27.2:** It-tfal li jattendu l-iskola jingħataw basket tal-iskola (backpack jew tip ieħor) u l-oġġetti kollha (kotba tal-iskola, eċċ.) mitluba mill-iskola bla ħlas.



## 4. Il-konċessjoni għall-ispejjeż ta' kuljum

### Kummenti introduttorji

Filwaqt li l-aspetti tal-ikel, l-abitazzjoni u l-ħwejjeġ huma definiti b'mod ċar fl-RCD, l-istrument ma jindirizzax direttament id-dettalji u l-iskop tal-konċessjoni għall-ispejjeż ta' kuljum. Madankollu, il-kunċett huwa essenzjali biex jissodisfa l-ħtiġijiet tal-applikanti.

Il-konċessjoni għall-ispejjeż ta' kuljum tkopri ħtiġijiet essenzjali oħrajn tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali indirizzati mill-RCD li jmorru lil hinn mill-abitazzjoni, l-ikel u l-ilbies (li huma koperti permezz ta' konċessjoni finanzjarja, meta ma jingħatawx *in natura* jew fil-forma ta' vawċers).

F'dan id-dokument, il-kunċett ta' "konċessjoni għall-ispejjeż ta' kuljum" għandu jinftehem li għandu tliet għanijiet differenti, jiġifieri:

- li jippermetti lill-applikanti jilħqu livell minimu ta' sussistenza fiżika, lil hinn mill-ħtiġijiet bażiċi ta' abitazzjoni, ikel jew ħwejjeġ;
- li jiżgura standard minimu ta' parteċipazzjoni tal-applikanti fil-ħajja soċjokulturali tal-Istat Membru li qegħdin jgħixu fih;
- li jippermetti lill-applikanti jgawdu ċertu grad ta' awtonomija.

Din il-gwida tirreferi għal "konċessjoni għall-ispejjeż ta' kuljum" bħala minimu tal-konċessjoni fi flus mogħtija lill-applikant għal ebda skop speċifiku u għall-użu liberu tiegħu ("flus fil-but"). Barra minn hekk, fejn ma jingħatawx oġġetti mhux tal-ikel speċifiċi jew ħtiġijiet komplementari oħrajn *in natura* jew fil-forma ta' vawċers, l-ispejjeż tagħhom jistgħu wkoll jittieħdu inkunsiderazzjoni meta jiġi kkalkulat l-ammont tal-konċessjoni għall-ispejjeż ta' kuljum li tingħata lill-applikanti.

Kif rajna fit-taqsimiet preċedenti, l-istandards fir-rigward tal-abitazzjoni, l-ikel u l-ilbies, kif ukoll ċerti oġġetti oħrajn mhux tal-ikel, jistgħu jinkisbu irrISPETTIVAMENT minn jekk l-applikanti jirċievu l-oġġetti rilevanti f'konċessjoni finanzjarja, *in natura* jew fil-forma ta' vawċers. Fl-istess waqt, l-aħħar element ("flus fil-but") huwa bbażat fuq il-kunsiderazzjoni li standard dinjituż ta' għajxien jista' jinkiseb biss meta l-applikanti jkollhom ċertu grad ta' awtonomija finanzjarja. Fi kliem ieħor, tal-inqas parti mill-konċessjoni mogħtija lilhom m'għandhiex tkun allokata għal għan speċifiku iżda pjuttost għandha tkun għall-użu liberu tal-applikanti biex ikunu jistgħu jużawha skont il-ħtiġijiet personali u l-preferenzi tagħhom.

Fid-dawl tad-diversi standards u għoli tal-ħajja fl-Istati Membri, din it-taqsimma ma tipprovax tiddefinixxi l-livell preċiż ta' konċessjoni għall-ispejjeż ta' kuljum li għandha tingħata lill-applikanti. IrrISPETTIVAMENT mill-metodu użat għall-kalkolu tal-konċessjoni għall-ispejjeż ta' kuljum, it-tliet għanijiet elenkati hawn fuq għandhom dejjem ikunu ssodisfati. Bħala tali, il-konċessjoni għall-ispejjeż ta' kuljum mgħandhiex tkun interpretata bħala att ta' ġenerożità; minflok hija importanti daqs l-abitazzjoni, l-ikel u l-ilbies u tiffirma parti essenzjali mill-kondizzjonijiet ta' akkoljenza materjali.

#### Referenzi legali — konċessjoni għall-ispejjeż ta' kuljum

- L-Artikolu 2(g) tal-RCD: id-definizzjoni ta' kondizzjonijiet ta' akkoljenza materjali

### Standards u indikaturi

#### **STANDARD 28: Kun żgur li tingħata konċessjoni adegwata għall-ispejjeż ta' kuljum.**

**Indikatur 28.1:** Teżisti definizzjoni ċara tal-ambitu tal-konċessjoni għall-ispejjeż ta' kuljum.

**Indikatur 28.2:** Il-metodu għall-kalkolu tal-konċessjoni għall-ispejjeż ta' kuljum huwa ddeterminat b'mod ċar.

- **Kummenti addizzjonali:** "Determinat" tfisser li l-elementi kkunsidrati meta jiġi ddeterminat l-ammont tal-konċessjoni għall-ispejjeż ta' kuljum u l-fatturi kkunsidrati meta jiġi vvalutat l-ammont taħthom, huma deskritti.

**Indikatur 28.3:** Il-konċessjoni għall-ispejjeż ta' kuljum hija mogħtija għall-użu liberu ("flus fil-but") u tippermetti lill-applikanti grad adegwat ta' awtonomija.

- **Kummenti addizzjonali:** *Konċessjoni għall-ispejjeż ta' kuljum "għall-użu liberu" qatt ma tista' tingħata in natura. L-ammont attwali għandu jkun iddeterminat skont il-kuntest nazzjonali. Dan għandu jieħu kont tal-ħtiġijiet komplementari minbarra l-ħtiġijiet bażiċi, bħal prodotti jew servizzi tal-għażla individwali (eż. attivitajiet kulturali, ħelu, prodotti tat-tabakk, loġħob, ħruġ).*

**Indikatur 28.4:** L-ammont tal-konċessjoni għall-ispejjeż ta' kuljum jirrifletti wkoll tal-anqas l-ispejjeż li ġejjin, sakemm ma jingħatawx in natura: il-komunikazzjoni u l-informazzjoni, oġġetti tal-iskola, l-iġjene personali u l-kura tal-ġisem, attivitajiet ta' divertiment u spejjeż għat-trasport relatat mal-aċċess għall-kura tas-saħħa u l-akkwist ta' mediċini, il-proċedura tal-asil u l-assistenza legali, u l-edukazzjoni għat-tfal irreġistrati fl-iskola.

- **Kummenti addizzjonali:** *Rigward il-provvediment in natura tal-oġġetti tal-iskola u l-iġjene personali u l-kura tal-ġisem, ara l-Istandards 25 u 26: L-aċċess għall-prodotti tal-iġjene u oġġetti oħrajn mhux tal-ikel u l-Istandard 29: Aċċess għall-kura tas-saħħa neċessarja.*

**Indikatur 28.5:** Il-konċessjoni għall-ispejjeż ta' kuljum tingħata b'mod regolari, u mhux inqas minn darba fix-xahar f'dak li jirrigwarda l-"flus fil-but".

- **Kummenti addizzjonali:** *Ir-regolarità tal-għoti tal-konċessjoni għandha tkun iddeterminata skont l-iskop (jekk ikun speċifikat), l-ammont u l-forma magħżula għall-għoti tal-konċessjoni. Dejjem għandu jkun hemm trasparenza.*

#### **Prattika tajba rigward l-għoti tal-konċessjoni għall-ispejjeż ta' kuljum**

Hija kkunsidrata bħala prattika tajba:

- li wieħed jieħu kont tas-sitwazzjoni individwali tal-applikant (eż. l-età/il-kompożizzjoni tal-familja) meta jikkalkula l-ammont tal-konċessjoni għall-ispejjeż ta' kuljum mogħtija;
- li wieħed jipprovdi l-konċessjoni għall-ispejjeż ta' kuljum qabel il-perjodu li għandha tkopri;
- li wieħed jipprovdi l-konċessjoni lil kull membru adult tal-familja b'mod separat (u mhux lill-"kap" tal-familja għall-familja kollha).

## 5. Il-kura tas-saħħa

### Kummenti introduttorji

Il-frażi “kura tas-saħħa” kif imsemmija f’din it-taqsimha tinkorpora kemm il-kura tas-saħħa mentali kif ukoll dik fiżika li tingħata lill-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali. Tinkludi wkoll l-għoti ta’ pariri lill-applikanti li jbatu minn mard serju u miżuri meħtieġa għall-promozzjoni tar-riabilitazzjoni ta’ vittmi ta’ vjolenza u tortura. F’dan is-sens, l-iskrinjar mediku li jsir minn ħafna Stati Membri fil-bidu tal-proċess ta’ akkoljenza jista’ jipprovdi punt ta’ tluq importanti peress li jagħti idea aktar ċara tal-ħtiġijiet mediċi tal-applikanti li jeħtieġu li jkun indirizzati matul il-proċess ta’ akkoljenza. “Persunal mediku” għall-finijiet ta’ din it-taqsimha tirreferi għall-professjonisti mediċi kwalifikati (eż. tobba, dentisti, infermiera), kif ukoll għall-psikologi.

Il-gwida għandha tinqara f’konformità mal-prinċipji ewlenin tal-kunsens u l-kunfidenzjalità, li huma applikabbli għall-persunal kollu tal-akkoljenza u għall-persunal mediku involut fl-għoti tal-kura tas-saħħa, kif ukoll għall-interpreti. Fl-ebda stadju l-informazzjoni ma għandha tiġi kondiviża mingħajr il-kunsens minn qabel tal-pazjent. Mingħajr preġudizzju għar-regolamenti nazzjonali li jirregolaw l-aċċess għar-reġistri mediċi, l-applikanti għandhom ikunu intitolati għall-aċċess tar-rekords mediċi tagħhom, meta jkun meħtieġ.

#### Referenzi legali — Il-kura tas-saħħa

- L-Artikolu 13 tal-RCD: kontroll mediku
- L-Artikolu 17 tal-RCD: kegoli ġenerali dwar kondizzjonijiet materjali ta’ akkoljenza u kura tas-saħħa
- L-Artikolu 19 tal-RCD: il-kura tas-saħħa

### Standards u indikaturi

#### **STANDARD 29: Kun żgur li jkun hemm aċċess għall-kura tas-saħħa meħtieġa, tal-anqas għall-kura ta’ emerġenza u għat-trattamenti ta’ mard u disturbi mentali serji.**

**Indikatur 29.1:** L-applikant għandu aċċess għal kull tip ta’ servizz ta’ kura tas-saħħa meħtieġ.

- **Kummenti addizzjonali:** Fejn possibbli, is-sess għandu jittieħed inkunsiderazzjoni meta wieħed jipprovdi kura tas-saħħa (eż. aċċess għal tobba nisa meta jkun mitluba u disponibbli).

**Indikatur 29.2:** Is-servizzi tal-kura tas-saħħa huma pprovduti minn persunal mediku kwalifikat.

**Indikatur 29.3:** Il-kura tas-saħħa hija disponibbli fl-abitazzjoni jew barra l-abitazzjoni f’distanza raġonevoli.

- **Kummenti addizzjonali:** Għal aktar kjarifiki fuq “distanza raġonevoli” ara Standard 1: Post.

**Indikatur 29.4:** Il-kura tas-saħħa meħtieġa, inkluża l-mediċina bir-riċetta, tingħata bla ħlas jew il-ħlas tagħha jiġi kkompensat permezz tal-konċessjoni għall-ispejjeż ta’ kuljum.

- **Kummenti addizzjonali:** Dan ifisser li kemm it-trasport għall-aċċess tal-kura tas-saħħa meħtieġa kif ukoll il-mediċini jkun bla ħlas (ara Standard 1: Il-post, Standard 28: L-għoti ta’ konċessjoni għall-ispejjeż ta’ kuljum)

**Indikatur 29.5:** Hemm stabbiliti arranġamenti adegwati li jiżguraw li l-applikant jista’ jikkomunika mal-persunal mediku.

- **Kummenti addizzjonali:** B’mod partikolari, dan ifisser li interpretu mħarreġ ikun disponibbli (bla ħlas) fejn meħtieġ. Diment li l-applikant jaqbel, individwi oħrajn li mhumiex tfaġġu jitraddu.

**Indikatur 29.6:** Hemm arranġamenti għall-aċċess għall-ewwel għajnuna fil-każijiet ta’ emerġenza.

- **Kummenti addizzjonali:** Għandu jkun hemm aċċess għal kaxxa tal-ewwel għajnuna.

**Indikatur 29.7:** L-applikant għandu aċċess għar-rekords mediċi tiegħu, mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni nazzjonali.

- **Kummenti addizzjonali:** *Diment li l-applikant ikun esprima l-kunsens tiegħu, ir-rekord mediku jista' jintbagħat mingħand professjonist mediku lil ieħor.*

**Indikatur 29.8:** Hemm stabbiliti arranġamenti speċifiċi għall-applikanti bi ħtiġijiet mediċi speċjali.

- **Kummenti addizzjonali:** *Dan jinkludi, pereżempju, aċċess għal pedjatra, ġinekologu jew kura tas-saħħa waqt it-tqala jew l-iżgurar li jsiru l-arranġamenti meħtieġa għall-persuni b'diżabilità. Jinkludi wkoll il-konsulenza pprovduta lill-vittmi tat-traffikar u tal-vjolenza (sessista) kif ukoll lill-vittmi tat-tortura jew forom oħrajn ta' vjolenza psikoloġika u fiżika.*

#### **Prattika tajba fir-rigward tal-kura tas-saħħa**

Hija kkunsidrata bħala prattika tajba:

- li fil-faċilitajiet ta' abitazzjoni kollettiva jkun hemm tal-anqas wieħed mill-membri tal-persunal imħarreġ fl-ewwel għajjnuna; u
- fejn il-kura tas-saħħa preventiva u/jew it-tilqim ma jkunux parti mill-programmi obbligatorji tas-saħħa, li wieħed jipprovdi kura tas-saħħa preventiva, li tinkludi kontroll mediku u/jew tilqim fil-fażi tal-akkoljenza; u
- li jingħataw preżervattivi kif ukoll ċerta mediċina bla ħlas, inkluż meta ma tkunx bir-riċetta.

## 6. L-għoti ta' informazzjoni u konsulenza

### Kummenti introduttorji

“L-għoti ta' informazzjoni”, kif imsemmija f'dan id-dokument, tirreferi għall-informazzjoni fil-qafas tal-RCD biss. Mingħajr preġudizzju għall-informazzjoni li trid tingħata lill-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali skont strumenti rilevanti oħrajn, bħad-Direttiva riformulata 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (minn hawn 'il quddiem: I-APD) u r-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jstabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (minn hawn 'il quddiem: Ir-Regolament Dublin III), din il-gwida ma tinkludix standards b'konnessjoni mal-informazzjoni dwar il-proċedura tal-asil. Madankollu huwa nnotat li f'ċerti Stati Membri l-għoti ta' din l-informazzjoni jista' wkoll jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet ta' akkoljenza.

Biex jiġi evitat li l-applikant jitgħabba b'informazzjoni żejda meta jiġi milqugħ, l-għoti tal-informazzjoni għandu jsir f'ħin jew b'mod speċifiku. L-Istati Membri huma mħeġġa jstabbilixxu skedi ta' żmien li jiddeskrivu t-tip ta' informazzjoni li għandha tingħata lill-applikanti fil-livell nazzjonali, filwaqt li jittieħed kont tal-15-il jum massimi globali preskritti fl-Artikolu 5 tal-RCD.

Rigward id-dmir tal-Istat Membru li jiżgura s-sussistenza tal-applikanti u li jfhares mhux biss is-saħħa fiżika iżda wkoll mentali kif stabbilit fl-Artikolu 17(2), miżuri adegwati ta' appoġġ, bħal pariri soċjali, għandhom ikunu disponibbli għall-applikanti. Dan jista' jinvolvi ħafna tipi differenti ta' assistenza, li jibdeu minn gwida lill-applikanti dwar kif jaċċessaw is-servizzi pubbliċi, medjazzjoni u orjentazzjoni kulturali u s-soluzzjoni ta' tilwim kif ukoll gwida dwar kif jindirizzaw sitwazzjonijiet speċifiċi u l-passi li jmiss fil-ħajja. Barra minn hekk, l-għoti ta' pariri jista' jiffaċilita wkoll l-identifikazzjoni ta' applikanti bi bżonnijiet speċjali (ara t-Taqsima 7: L-identifikazzjoni, il-valutazzjoni tal-bżonnijiet speċjali tal-akkoljenza u r-rispons għalihom

#### Referenzi legali — l-għoti ta' informazzjoni u pariri

- L-Artikolu 5 tal-RCD: informazzjoni
- L-Artikolu 17(1) u (2): regoli ġenerali dwar kondizzjonijiet materjali ta' akkoljenza u kura tas-saħħa

### Standards u indikaturi

#### **STANDARD 30: Kun żgur li l-applikant jirċievi u jifhem l-informazzjoni rilevanti għall-fażijiet dwar il-benefiċċji u l-obbligi relatati mal-kondizzjonijiet ta' akkoljenza.**

**Indikatur 30.1:** L-informazzjoni miktuba hija pprovduta f'lingwa li l-applikant jifhem jew huwa suppost li jifhem b'mod raġonevoli.

- **Kummenti addizzjonali:** L-informazzjoni għandha tingħata f'lingwa ċara u mhux teknika.

**Indikatur 30.2:** Fejn ikun meħtieġ u xieraq l-informazzjoni tingħata wkoll bil-fomm f'lingwa li l-applikant jifhem.

- **Kummenti addizzjonali:** L-informazzjoni għandha tkun mill-inqas mogħtija bil-fomm fil-każ ta' illitteriżmu jew f'każijiet fejn il-persuna ma tifhimx l-informazzjoni miktuba pprovduta.

**Indikatur 30.3:** L-informazzjoni tkopri l-aspetti kollha tal-kondizzjonijiet ta' akkoljenza, inklużi l-benefiċċji u l-obbligi taħt l-RCD.

- **Kummenti addizzjonali:** L-informazzjoni għandha tinkludi, bħala minimu, id-dritt għall-akkoljenza skont l-istatus legali, il-forma tal-għoti tal-kondizzjonijiet ta' akkoljenza materjali (abitazzjoni, ikel, ħwejjeġ u konċessjonijiet għall-ispejjeż ta' kuljum), aċċess għall-kura tas-saħħa u arranġamenti speċifiċi għall-applikanti bi bżonnijiet speċjali, jekk ikun rilevanti. Ir-regoli tal-abitazzjoni għandhom ikunu kkomunikati b'mod ċar lill-applikant. L-informazzjoni tista' wkoll tinkludi d-disponibbiltà ta' appoġġ psikosoċjali addizzjonali,

*informazzjoni dwar l-istandards soċjali fl-Istat Membru, pariri dwar il-ħajja ta' kuljum, inkluża l-ġestjoni ta' tilwim, eċċ.*

**Indikatur 30.4:** L-informazzjoni hija pprovduta f'waqtha (massimu ta' 15-il jum) wara li tiġi ffajljata l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.

**Indikatur 30.5:** L-informazzjoni hija pprovduta skont il-bżonnijiet speċjali u ċ-ċirkustanzi individwali tal-applikanti.

- **Kummenti addizzjonali:** *Fil-każ tat-tfal, l-informazzjoni hija pprovduta b'mod li tinftiehem faċilment mit-tfal (eż. permezz ta' pittogrammi, l-użu ta' kliem ħafif, eċċ.). Għall-persuni b'indeboliment tal-vista jew b'diżabilitajiet intellettuali, l-informazzjoni hija pprovduta b'mod adatt. L-għoti ta' informazzjoni jinkludi aspetti relatati mal-vjolenza sessista jew it-traffikar tal-bnedmin.*

#### Prattika tajba fir-rigward tal-provvista ta' informazzjoni

Hija kkunsidrata bħala prattika tajba:

- li tingħata informazzjoni lill-applikant kemm bil-miktub kif ukoll bil-fomm, pereżempju bl-għajjnuna ta' interpreti jew medjaturi kulturali;
- li tuża vidjows jew pittogrammi biex tiżgura li l-informazzjoni tinftiehem sewwa;
- li tivverifika li l-applikant fehem l-informazzjoni mogħtija;
- li tipprovdi l-informazzjoni f'ħin u f'fażi speċifiċi:
  - ✓ il-ġurnata tal-wasla: agħti informazzjoni bażika dwar kif tiffunzjona l-abitazzjoni u d-dritt għall-akkoljenza u l-benefiċċji relatati, inkluża d-disponibbiltà tal-ħaddiem soċjali (jew persunal rilevanti ieħor għall-proċedura tat-teħid);
  - ✓ idealment fi żmien tliet ijiem, mhux aktar minn 15-il jum: agħti informazzjoni addizzjonali dwar kif tiffunzjona l-abitazzjoni, il-ħajja ta' kuljum, l-attivitajiet, l-iskola u l-korsijiet. Ipprovdi r-regoli tal-abitazzjoni bil-miktub, inklużi l-obbligi tal-applikant vis-à-vis applikanti oħrajn (bħad-drittijiet tan-nisa, ir-rispett tad-diversità sesswali u d-drittijiet tal-LGTBI) u dawk relatati mal-kondizzjonijiet ta' akkoljenza li magħhom l-applikanti jridu jikkonformaw;
  - ✓ waqt l-akkoljenza: ipprovdi aktar informazzjoni dwar id-dritt ta' akkoljenza u skont ir-rilevanza tagħha: id-dritt ta' residenza, ir-ritorn volontarju, id-dritt għax-xogħol, aspetti meħtieġa relatati mal-amministrazzjoni, il-benesseri fiżiku u psikoloġiku, id-drittijiet u d-dmirijiet meta tgħix fis-soċjetà tal-Istat Membru, il-korsijiet u l-attivitajiet disponibbli, it-tqajjim tal-kuxjenza dwar aspetti bħall-iġjene personali, il-mard trażmess sesswalment u l-kontraċezzjoni, il-ġestjoni tat-tilwim, is-separazzjoni tal-iskart, it-tindif, il-konsum tal-enerġija, eċċ.;
  - ✓ fl-aħħar tal-permanenza: l-informazzjoni meħtieġa għall-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali u dawk li l-applikazzjoni tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali ġiet rifjutata (abitazzjoni, aċċess għall-kura medika, eċċ.).

**STANDARD 31: Kun żgur li tagħti informazzjoni dwar organizzazzjonijiet jew gruppi ta' persuni li jipprovdu assistenza legali speċifika u organizzazzjonijiet li jistgħu jgħinu jew jinformaw lill-applikanti dwar il-kondizzjonijiet ta' akkoljenza disponibbli, inkluża kura tas-saħħa.**

**Indikatur 31.1:** L-applikanti jingħataw informazzjoni dwar l-assistenza legali disponibbli u dwar kif jaċċessawha.

**Indikatur 31.2:** L-informazzjoni mogħtija lill-applikanti tinkludi d-dettalji ta' kuntatt ta' organizzazzjonijiet jew gruppi ta' persuni li jistgħu jinformaw lill-applikanti dwar kondizzjonijiet ta' akkoljenza disponibbli, inkluża l-kura tas-saħħa, u kif jaċċessawhom.

**Indikatur 31.3:** L-informazzjoni miktuba hija pprovduta f'lingwa li l-applikant jifhem jew huwa suppost li jifhem b'mod raġonevoli.

- **Kummenti addizzjonali:** *L-informazzjoni għandha tingħata f'lingwa ċara u mhux teknika.*



**Indikatur 31.4:** Fejn ikun meħtieġ u xieraq l-informazzjoni tingħata wkoll bil-fomm f'lingwa li l-applikant jifhem.

- **Kumment addizzjonali:** L-informazzjoni għandha tkun mill-inqas mogħtija bil-fomm fil-każ ta' illitteriżmu jew f'każijiet fejn il-persuna ma tifhimx l-informazzjoni miktuba pprovduta.

**Indikatur 31.5:** L-informazzjoni għandha tingħata f'waqtha (massimu ta' 15-il jum) wara li tiġi ffajljata l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.

**Indikatur 31.6:** L-informazzjoni hija pprovduta skont il-bżonnijiet speċjali u ċ-ċirkustanzi personali tal-applikanti.

- **Kummenti addizzjonali:** Pereżempju, l-informazzjoni li tirrigwarda lit-tfal tingħata b'mod li jinftiehem mit-tfal (eż. b'mod grafiku, bl-użu ta' pittogrammi). Informazzjoni oħra pprovduta tinkludi aspetti relatati mal-vjolenza sessista jew it-traffikar tal-bnedmin.

**STANDARD 32: Kun żgur li jkun hemm aċċess adegwat għal konsulenti legali jew konsulenti oħrajn, persuni li jirrappreżentaw lill-UNHCR, lis-Salib I-Aħmar, organizzazzjonijiet intergovernattivi u nongovernattivi rilevanti rikonnoxxuti mill-Istat Membru kkonċernat sabiex jgħinu lill-applikanti.**

**Indikatur 32.1:** L-aċċess tal-atturi msemmija hawn fuq huwa limitat biss għal raġunijiet relatati mas-sigurtà tal-post u tal-applikanti, diment li ma jkunx ristrett iżżejjed jew impossibbli minħabba f'hekk.

**Indikatur 32.2:** L-atturi elenkati hawn fuq jistgħu jiltaqgħu u jitkellmu mal-applikanti f'kondizzjonijiet li jiżguraw privatezza adegwata.

**STANDARD 33: Kun żgur li l-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali għandhom aċċess għall-konsulenza soċjali.**

**Indikatur 33.1:** Il-konsulenza soċjali hija disponibbli għall-applikanti fil-faċilità tal-akkomodazzjoni u anki barra.

**Indikatur 33.2:** L-applikanti jistgħu jkollhom aċċess għall-pariri soċjali fuq bażi regolari u skont il-ħtiġijiet personali tagħhom.

- **Kummenti addizzjonali:** L-aċċess għall-pariri soċjali jista' jieħu l-forma ta' intervista personali jew permezz tat-telefon.



## 7. L-identifikazzjoni, il-valutazzjoni tal-bżonnijiet speċjali tal-akkoljenza u r-rispons għalihom

### Kummenti introduttorji

L-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali ġeneralment ikunu f'sitwazzjoni vulnerabbli, minħabba l-inċertezza tal-istatus tagħhom f'pajjiż barrani u spiss l-esperjenzi tagħhom fil-pajjiż tal-orġini u/jew waqt il-vjaġġ. Għaldaqstant, kif indikat fil-Figura 1 fl-introduzzjoni għal dan id-dokument, il-bżonnijiet speċjali huma trasversali għall-għoti ta' kondizzjonijiet ta' akkoljenza peress li ċerti applikanti jkunu jeħtieġu aktar appoġġ speċjali marbut ma' waħda mit-taqsimiet inklużi f'din il-gwida sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw b'mod ugwali mid-drittijiet u l-benefiċċji taħt l-RCD.

L-uffiċjali tal-akkoljenza f'kuntatt mal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali u kull min hu involut matul il-proċess għandhom ikunu konxji tal-bżonnijiet speċjali u jkunu kapaċi jidentifikahom. L-indikaturi u l-bżonnijiet speċjali għandhom ikunu rreġistrati mill-aktar fis possibbli wara li jiġu individwati u din l-informazzjoni għandha tiġi kkomunikata lill-partijiet interessati rilevanti sabiex jingħataw il-garanziji u l-appoġġ meħtieġa.

Il-Kapitolu IV tal-RCD jistipula l-garanziji għall-applikanti bi bżonnijiet speċjali. Lista mhux eżawrjenti ta' persuni li jista' jkollhom ħtiġijiet ta' akkoljenza speċjali tinkludi: il-minorenni, il-minorenni mhux akkumpanjati, in-nies b'diżabbiltà, l-anzjani, in-nisa tqal, il-ġenituri single bi tfal minorenni, il-vittmi ta' traffikar tal-bnedmin, il-persuni b'mard serju, il-persuni b'mard mentali u l-persuni li jkunu ġew soġġetti għal tortura, stupru jew forom serji oħrajn ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali, bħall-vittmi ta' mutilazzjoni ta' ġenitali femminili.

Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom obbligu li jevawlaw, jindikaw u jindirizzaw il-bżonnijiet speċjali ta' daww L-applikanti fil-pront u li jiżguraw li l-identifikazzjoni tista' ssir ukoll aktar tard jekk il-vulnerabbiltajiet ma jkunux jidhru minn kmieni.

Aspett importanti huwa l-ħtieġa li jkun żgurat li l-mekkaniżmi ta' riferiment fl-Istati Membri qegħdin jiffunzjonaw tajjeb sabiex il-bżonnijiet speċjali jiġu kkomunikati b'mod effiċjenti. Mingħajr preġudizzju għall-prinċipju ta' kunfidenzjalità, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom ikunu jistgħu jaqsmu l-informazzjoni rilevanti dwar il-bżonnijiet speċjali identifikati u jingħataw istruzzjonijiet biex jagħmlu dan. Pereżempju, meta l-uffiċjali tal-ewwel kuntatt, bħall-gwardji tal-fruntieri, ikunu nnotaw li l-persuna għandha bżonnijiet speċjali, dawn għandhom jiġu kkomunikati lill-awtoritajiet ta' akkoljenza sabiex jiżguraw li jingħataw l-garanziji meħtieġa mill-aktar fis possibbli. Min-naħa l-oħra, l-uffiċjali ta' akkoljenza spiss ikunu f'pożizzjoni li josservaw l-applikanti fuq perjodu ta' żmien itwal u jibnu l-fiduċja. Dan jippermettilhom jidentifikaw b'mod effettiv il-bżonnijiet speċjali, li jistgħu ma jkunux ovvjii mill-bidu. Safejn din l-informazzjoni tirrigwarda wkoll ħtiġijiet proċedurali speċjali potenzjali, huwa essenzjali li l-awtorità ta' akkoljenza tikkomunikaha lill-awtorità li tiddeċiedi.

Din it-taqsimta tal-gwida tindirizza l-obbligu tal-Istati Membri li jidentifikaw, jevalwaw u jirreġistraw u/jew jikkomunikaw ħtiġijiet ta' akkoljenza speċjali u li jindirizzawhom fil-waqt. Ċerti eżempji ta' garanziji ta' akkoljenza speċjali huma indikati f'taqsimiet differenti ta' dan id-dokument. Għal aktar gwida komprensiva u għodda Prattika f'dan ir-rigward, irreferi għall-Għodda tal-EASO għall-Identifikazzjoni ta' Persuni bi Bżonnijiet Speċjali (IPSN)<sup>(8)</sup>.

#### Referenzi legali — L-identifikazzjoni, il-valutazzjoni tal-bżonnijiet speċjali tal-akkoljenza u r-rispons għalihom

- L-Artikolu 21 tal-RCD: il-prinċipju ġenerali
- L-Artikolu 22 tal-RCD: evalwazzjoni tal-bżonnijiet speċjali ta' akkoljenza
- L-Artikolu 23 tal-RCD: minorenni
- L-Artikolu 24 tal-RCD: minorenni mhux akkumpanjati
- L-Artikolu 25 tal-RCD: il-vittmi tat-tortura u l-vjolenza

<sup>(8)</sup> <http://ipsn.easo.europa.eu/>.

## Standards u indikaturi

### **STANDARD 34: Kun żgur li hemm mekkaniżmu stabbilit sabiex jiġu identifikati u vvalutati l-bżonnijiet ta' akkoljenza speċjali.**

**Indikatur 34.1:** Hemm mekkaniżmu standardizzat biex jiġu identifikati l-bżonnijiet ta' akkoljenza speċjali ta' kwalunkwe applikant.

- **Kumment addizzjonali:** *Kif stipulat fl-Artikolu 22(2) tal-RCD, dan il-mekkaniżmu m'għandux għalfejn jieħu l-forma ta' proċedura amministrattiva iżda għandu jagħmel referenza għall-protezzjoni tat-tfal u għal standards ta' salvagwardja tat-tfal. L-Għodda IPSN tal-EASO tista' tkun integrata f'mekkaniżmu bħal dan.*

**Indikatur 34.2:** Il-mekkaniżmu jippreskrivi b'mod ċar min huwa responsabbli għall-identifikazzjoni u l-valutazzjoni ta' bżonnijiet ta' akkoljenza speċjali.

- **Kummenti addizzjonali:** *Skont is-sistema nazzjonali, atturi differenti jistgħu jkunu involuti fl-identifikazzjoni u l-valutazzjoni ta' bżonnijiet speċjali. Ir-rwoli tad-diversi atturi għandu jkun indikat b'mod ċar fil-mekkaniżmu.*

**Indikatur 34.3:** Il-mekkaniżmu jippreskrivi b'mod ċar kif l-identifikazzjoni u l-valutazzjoni jiġu rreġistrati u kkomunikati lill-applikant u lill-atturi rilevanti.

- **Kummenti addizzjonali:** *Ir-reġistrazzjoni u l-komunikazzjoni effettiva tal-informazzjoni dwar il-bżonnijiet speċjali lill-atturi rilevanti huma essenzjali sabiex ikun żgurat li l-garanziji neċessarji ġew stabbiliti. Ir-regolamenti nazzjonali dwar il-kunfidenzjalità u l-protezzjoni tad-dejta għandhom japplikaw waqt it-tħaddim tal-mekkaniżmu. F'ċerti każijiet, għandhom japplikaw ukoll proċeduri formali, bħal fil-każ ta' mekkaniżmi nazzjonali ta' riferiment għall-vittmi tat-traffikar.*

### **STANDARD 35: Kun żgur li l-mekkaniżmu għall-identifikazzjoni u l-valutazzjoni ta' bżonnijiet ta' akkoljenza speċjali jiġi applikat b'mod effettiv.**

**Indikatur 35.1:** Riżorsi suffiċjenti huma allokat għall-identifikazzjoni, il-valutazzjoni u l-monitoraġġ ta' bżonnijiet speċjali.

**Indikatur 35.2:** L-identifikazzjoni u l-valutazzjoni inizjali tal-bżonnijiet speċjali ssir mill-aktar fis possibbli.

- **Kummenti addizzjonali:** *L-identifikazzjoni u l-valutazzjoni ta' bżonnijiet ta' akkoljenza speċjali jistgħu jsiru fi stadji differenti. Huwa rakkomandat li l-identifikazzjoni u l-valutazzjoni inizjali jsiru waqt l-akkoljenza (l-ewwel jum sat-tielet jum). Identifikazzjoni u/jew valutazzjoni kontinwa oħra għandhom isiru skont il-bżonnijiet speċjali rispettivi.*

**Indikatur 35.3:** Il-bżonnijiet speċjali li jitfaċċaw aktar tard jiġu identifikati u vvalutati b'mod adegwat.

- **Kummenti addizzjonali:** *Ċerti bżonnijiet ta' akkoljenza speċjali jistgħu jitfaċċaw biss aktar tard. Għaldaqstant, huwa importanti li l-identifikazzjoni u l-valutazzjoni jkunu kontinwi.*

**Indikatur 35.4:** Fejn ikun rilevanti, atturi speċjalizzati huma involuti fil-valutazzjoni tal-bżonnijiet speċjali.

- **Kummenti addizzjonali:** *Atturi speċjalizzati, bħal psikologi jew professjonisti mediċi, jistgħu jkunu involuti fil-valutazzjoni tal-bżonnijiet speċjali skont in-natura ta' dawn il-bżonnijiet. L-esperjenza tagħhom għandha tkun aċċessibbli b'mod effettiv għall-awtoritajiet ta' akkoljenza fejn meħtieġ.*

**Indikatur 35.5:** Il-kanali ta' komunikazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtorità ta' akkoljenza u l-awtorità li tiddeċiedi huma stabbiliti u wżati.

- **Kummenti addizzjonali:** *L-identifikazzjoni u l-valutazzjoni ta' bżonnijiet speċjali huma aktar effettivi meta l-informazzjoni tiġi komunikata bejn l-awtoritajiet, mingħajr preġudizzju għar-regolamenti nazzjonali dwar il-kunfidenzjalità u l-protezzjoni tad-dejta.*

**Indikatur 35.6:** L-identifikazzjoni u l-valutazzjoni ta' bżonnijiet ta' akkoljenza speċjali jsiru mingħajr preġudizzju għall-eżami tal-bżonn tal-applikant għall-protezzjoni internazzjonali.

- **Kummenti addizzjonali:** *Huwa importanti li wieħed jiddistingwi b'mod ċar bejn il-kwistjonijiet ta' identifikazzjoni u valutazzjoni ta' bżonnijiet ta' akkoljenza (u ta' proċeduri) speċjali u l-eżami tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. Waqt li f'ċerti każijiet is-sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà tal-applikanti jkollha wkoll impatt fuq l-eżitu tal-applikazzjoni, l-iskop tal-identifikazzjoni u l-valutazzjoni skont din il-gwida huwa biss li jiżgura aċċess effettiv għad-drittijiet u l-benefiċċji taħt l-RCD waqt il-proċedura tal-asil.*

### **STANDARD 36: Kun żgur li l-bżonnijiet ta' akkoljenza speċjali identifikati jkunu indirizzati fil-pront.**

**Indikatur 36.1:** Tittieħed azzjoni adegwata u f'waqtha biex jiġu indirizzati l-bżonnijiet speċjali identifikati u vvalutati.

- **Kumment addizzjonali:** *Għandhom jiġu allokati riżorsi suffiċjenti biex jiġu indirizzati l-bżonnijiet speċjali. Barra minn hekk, għandhom jintużaw proċeduri operattivi standard u/jew mekkaniżmi ta' riferiment skont il-ħtieġa.*

**Indikatur 36.2:** Jekk ġew identifikati bżonnijiet speċjali, hemm mekkaniżmu stabbilit li jiżgura l-monitoraġġ regolari tagħhom.

- **Kummenti addizzjonali:** *L-Istati Membri għandhom jipplanaw ukoll il-monitoraġġ ta' segwitu regolari tal-bżonnijiet speċjali identifikati.*

#### **Prattika tajba dwar l-identifikazzjoni, il-valutazzjoni tal-bżonnijiet speċjali tal-akkoljenza u r-rispons għalihom**

Hija kkunsidrata bħala prattika tajba:

- li jitwaqqaf mekkaniżmu għall-identifikazzjoni u l-valutazzjoni ta' bżonnijiet ta' akkoljenza speċjali bħala parti mill-proċeduri operattivi nazzjonali. L-Għodda IPSN tal-EASO tista' tkun integrata f'dawn il-proċeduri, l-aktar bl-applikazzjoni tal-gwida dwar l-"Appoġġ għall-akkoljenza";
- li wieħed iqis bħala applikanti bi bżonnijiet speċjali kategoriji oħrajn minbarra dawk elenkati b'mod mhux eżawrjenti fil-Kapitolu IV tal-RCD, pereżempju l-LGTBI, persuni bi bżonnijiet speċjali oħrajn relatati mas-sess u l-applikanti illitterati.

#### **L-Għodda tal-EASO għall-Identifikazzjoni ta' Persuni bi Bżonnijiet Speċjali (IPSN)**

Biex jappoġġja lill-Istati Membri fl-identifikazzjoni u l-valutazzjoni ta' bżonnijiet speċjali f'termini ta' garanziji ta' proċeduri u ta' akkoljenza, l-EASO żviluppa għodda interattiva bbażata fuq il-web, aċċessibbli mill-pubbliku f'għadd ta' lingwi tal-UE.

L-Għodda tal-IPSN hija strument prattiku intuwittiv maħsub biex jappoġġja l-identifikazzjoni f'waqtha u kontinwa ta' bżonnijiet speċjali individwali mingħajr ir-rekwiżit ta' għarfien speċjalizzat. Hija tibbaża fuq deskrizzjoni ta' indikaturi, relatati ma' kategoriji differenti ta' persuni bi bżonnijiet speċjali potenzjali. Il-lista tinkludi l-kategoriji kollha msemmija mill-RCD, kif ukoll persuni LGBTI u persuni bi bżonnijiet speċjali relatati mas-sess. L-għażla ta' kategorija tagħti aktar informazzjoni sabiex jiġi vvalutat jekk l-applikant għandux il-bżonnijiet speċjali rispettivi u tiġġenera lista ta' kontroll u gwida fil-qosor dwar miżuri ta' appoġġ rilevanti. L-appoġġ għall-akkoljenza huwa wieħed mill-aspetti żviluppanti fl-Għodda tal-IPSN.

Ladarba l-utent ikun iġġenera l-informazzjoni rilevanti, huwa jista' jagħżel li jistampa jew jissejvja rapport, inkluża selezzjoni ta' elementi differenti. Ir-rapport jista' jkun personalizzat aktar għall-każ partikolari inkwistjoni qabel jiġi ssejvjat u/jew stampat.

L-integrazzjoni tal-Għodda tal-IPSN f'mekkaniżmu nazzjonali, li huwa konformi mal-istandards f'din it-taqsim, hija rrakkomandata bħal prattika tajba.

L-għodda hija disponibbli fuq <https://ipsn.easo.europa.eu>



## 8. It-taħriġ tal-persunal

### Kummenti introduttorji

Fid-dawl tad-diversità tas-sistema ta' akkoljenza nazzjonali, il-kompiti, il-kwalifiki u l-bżonnijiet ta' taħriġ tal-persunal li jaħdem mal-applikanti fil-kuntest tal-akkoljenza jvarjaw fost l-Istati Membri tal-UE. Rigward il-gwida inkluża f'din it-taqsim, ser issir referenza għat-terminu "uffiċjal tal-akkoljenza", li jista' jkun definit bħala professjonisti li jkunu f'kuntest dirett mal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali f'kuntest ta' akkoljenza, irrISPETTIVAMENT minn min iħaddimhom (l-istat, organizzazzjoni nongovernattiva, kuntrattur privat, municipalit, eċċ.). Dawn il-professjonisti jistgħu jinkludu ħaddiema soċjali, persunal tal-edukazzjoni u tal-kura tas-saħħa, uffiċjali ta' reġistrazzjoni, interpreti, manigġers tal-faċilità, persunal tal-amministrazzjoni/ta' koordinazzjoni, eċċ. L-RCD tirrikonoxxi l-importanza ta' taħriġ adegwat u kontinwu, kif ukoll ir-rilevanza ta' mekkaniżmu li jimmonitorja l-kwalità tax-xogħol imwettqa mill-uffiċjali ta' akkoljenza. B'mod speċifiku, l-Istati Membri huma mitluba li "jieħdu miżuri xierqa li jiżgura li l-awtoritajiet u organizzazzjonijiet oħrajn li jimplementaw din id-Direttiva rċevew it-taħriġ bażiku meħtieġ".

F'dan il-qafas, il-gwida inkluża f'din it-taqsim għandha tinftiehem li tapplika għal-livelli kollha tal-persunal (jiġifieri inkluż il-manigġment intermedju u għoli) li jaqgħu fid-definizzjoni tat-terminu "uffiċjal tal-akkoljenza". Barra minn hekk, mingħajr preġudizzju għall-ħtieġa li jingħata taħriġ speċifiku lill-uffiċjali tal-akkoljenza li jaħdmu mal-applikanti bi bżonnijiet ta' akkoljenza speċjali, it-taħriġ kollu għandu jkun allinjat mal-qafas usa' ta' kodiċi ta' mġiba li jispeċifika l-kunċetti u l-prinċipji ewlenin sottostanti għax-xogħol fil-kuntest tal-akkoljenza.

#### Referenzi legali — taħriġ tal-persunal

- L-Artikolu 18(7) tal-RCD: modalitajiet għal kondizzjonijiet ta' akkoljenza
- L-Artikolu 24(4) tal-RCD: il-minorenni mhux akkumpanjati
- L-Artikolu 25(2) tal-RCD: il-vittmi tat-tortura u l-vjolenza
- L-Artikolu 29(1) tal-RCD: persunal u riżorsi

### Standards u indikaturi

#### STANDARD 37: Kun żgur li l-uffiċjali tal-akkoljenza huma kwalifikati biżżejjed.

**Indikatur 37.1:** Kull uffiċjal tal-akkoljenza għandu termini ċari ta' referenza (deskrizzjoni tal-impjeg).

**Indikatur 37.2:** Kull uffiċjal tal-akkoljenza huwa kkwalifikat skont il-liġi u r-regolamenti nazzjonali dwar it-termini ta' referenza partikolari tiegħu (deskrizzjoni tal-impjeg).

- **Kumment addizzjonali:** *Il-proċess tal-valutazzjoni tal-kwalifiki tal-uffiċjal tal-akkoljenza għandu jinvolvi verifika tar-rekords kriminali dwar reati jew ksur relatati mat-tfal f'każijiet fejn dan l-uffiċjal tal-akkoljenza ser ikun qed jaħdem f'kuntest dirett mat-tfal.*

#### STANDARD 38: Kun żgur li l-uffiċjali tal-akkoljenza jingħataw it-taħriġ meħtieġ u xieraq.

**Indikatur 38.1:** Kull uffiċjal tal-akkoljenza jiġi introdott fid-dettall u fil-pront għar-rwol tiegħu, inkluż għall-kodiċi ta' mġiba applikabbli.

- **Kummenti addizzjonali:** *It-taħriġ ta' induzzjoni għandu jseħħ mill-aktar fis possibbli, u mhux aktar tard minn minnufih wara li l-uffiċjal tal-akkoljenza jkun ġie impjegat. Skont ir-rwol assenjat lill-uffiċjal tal-akkoljenza, l-induzzjoni għandha tinkludi l-istandards tal-liġi u/jew tar-regolamenti applikabbli għall-akkoljenza, għodod nazzjonali u tal-EASO rilevanti disponibbli.*

**Indikatur 38.2:** Jeżisti sillabu ta' taħriġ ċar li jinkludi rekwiżiti ta' taħriġ għal kull grupp funzjonali.

- **Kummenti addizzjonali:** *It-taħriġ essenzjali għall-uffiċjali tal-akkoljenza jista' jingħata permezz tal-modulu tal-kurrikulu tat-taħriġ tal-EASO dwar l-akkoljenza. Barra minn hekk, il-moduli inklużi fil-kurrikulu nazzjonali*

*jistgħu jvarjaw minn ħiliet tal-kompjuter u lingwi barranin sa kors dwar il-mard infettiv jew l-identifikazzjoni ta' vittmi tat-traffikar tal-bnedmin.*

**Indikatur 38.3:** It-taħriġ huwa pprovdut b'mod regolari u skont il-bżonn.

- **Kummenti addizzjonali:** *Għandu jiġi żviluppat programm ta' taħriġ fit-tul, li jipprevedi taħriġ regolari ta' aġġornament. It-taħriġ għandu jingħata wkoll jekk ikun hemm xi bidliet sostanzjali fil-liġi u fil-prattika applikabbli.*

**Indikatur 38.4:** Taħriġ minimu pprovdut jinkludi kwistjonijiet speċifiċi relatati mas-sessi u l-età u s-sitwazzjoni tal-applikanti bi bżonnijiet speċjali, b'mod partikolari fir-rigward tal-protezzjoni tal-minorenni u ta' standards ta' salvagwardja tat-tfal, inklużi minorenni mhux akkumpanjati u l-identifikazzjoni ta' vittmi tat-tortura u tal-vjolenza.

#### Prattika tajba fir-rigward tat-taħriġ tal-persunal

Hija meqjusa bħala Prattika tajba għall-manigġers tal-akkoljenza:

- li jidentifikaw opportunitajiet ta' taħriġ għall-uffiċjali tal-akkoljenza; u/jew
- li jorganizzaw taħriġ permezz ta' ftehimiet mal-atturi rilevanti (universitajiet, avukati, psikologi, eċċ.).

### **STANDARD 39: Ippromwovi l-għarfien ta' partijiet oħrajn interessati li huma f'kuntatt regolari mal-applikanti.**

**Indikatur 39.1:** Hemm stabbiliti sessjonijiet regolari ta' sensibilizzazzjoni u/jew arranġamenti alternattivi għall-persuni li mhumiex meqjusa bħala "uffiċjali tal-akkoljenza", iżda madankollu jkunu f'kuntatt mal-applikanti minħabba l-professjoni/il-funzjoni tagħhom.

- **Kummenti addizzjonali:** *Is-sessjonijiet ta' sensibilizzazzjoni jistgħu jiffokaw fuq aspetti relatati mal-migrazzjoni inġenerali u b'mod partikolari fuq aspetti kulturali. Dawn jistgħu jkunu organizzati, pereżempju, għall-persunal edukattiv, għas-servizzi tas-saħħa esterni, għall-persunal tas-sigurtà fil-faċilitajiet jew għall-persunal tat-tindif.*

### **STANDARD 40: Ippromwovi appoġġ orjentat lejn il-proċess lill-uffiċjali tal-akkoljenza.**

**Indikatur 40.1:** Hemm diversi miżuri disponibbli biex jiġu ttrattati sitwazzjonijiet diffiċli li jinħolqu waqt il-ħidma ta' akkoljenza.

- **Kumment addizzjonali:** *dawn il-miżuri jistgħu jieħdu l-forma ta' diskussjoni (skambju mal-pari), timijiet f'każijiet ta' kriżi jew sorveljanza esterna.*



## Anness — Tabella sommarja

Standards operattivi u indikaturi dwar il-kondizzjonijiet ta' akkoljenza				
Taqsim	Taqsim sekondarja	Standard	Indikatur(i)	
1. L-abitazzjoni	1.1. Il-post	1. Ara li jkun hemm aċċess ġeografiku effettiv għas-servizzi rilevanti, bħas-servizzi pubbliċi, l-iskola, il-kura tas-saħħa, l-għajnuna soċjali u legali, ħanut għall-ħtiġijiet ta' kuljum, londri u attivitajiet ta' divertiment.	1.1. Hemm stabbilti arranġamenti speċifiċi għall-applikanti bi bżonnijiet speċjali.	
			1.2. (a) Is-servizzi rilevanti huma pprovduti fl-abitazzjoni. JEW	
			1.2. (b) Il-faċilità tinsab ammont raġonevoli ta' passi 'l bogħod mis-servizzi rilevanti u l-infrastruttura disponibbli hija sigura biex wieħed jimxiha. JEW	
			1.2. (c) Is-servizzi rilevanti huma aċċessibbli bit-trasport pubbliku u t-tul tal-vjaġġ huwa raġonevoli. JEW	
				1.2. (d) Is-servizzi rilevanti huma aċċessibbli permezz ta' trasport organizzat iprovdut mill-Istat Membru.
	1.2. L-allokkazzjoni	2. Ara li l-prinċipju tal-unità tal-familja jkun irrispettat.		2.1. Il-membri tal-familja (skont id-definizzjoni tal-Artikolu 2 tal-RCD) huma akkomodati flimkien bil-kunsens tagħhom.
				2.2. Il-familji bit-tfal għandhom ikunu akkomodati flimkien diment li dan ikun konformi mal-aħjar interessi tal-minorenni.
				2.3. Fejn ikun possibbli u xieraq, l-unità tal-familja għandha tkun irrispettata fir-rigward tal-membri tal-familja usa'.
				2.4. Massimu ta' familja waħda għandha tkun allokata f'kamra tas-sodda.
		3. Kun żgur li tqis il-bżonnijiet speċjali meta talloka (mill-ġdid) abitazzjoni partikolari lil xi applikant.		3.1. L-allokkazzjoni ta' abitazzjoni partikolari lill-applikanti hija bbażata fuq valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' akkoljenza speċjali tagħhom.
	3.2. Hemm il-possibbiltà li applikant jiġi trasferit minħabba ħtiġijiet ta' akkoljenza speċjali identifikati.			
	4. Kun żgur li tqis ir-raġunijiet speċifiċi u oġġettivi marbuta mas-sitwazzjoni individwali tal-applikant meta talloka abitazzjoni lil xi applikant		4.1. Hemm mekkaniżmu stabbilit biex wieħed jikkunsidra jekk hemmx raġunijiet speċifiċi u oġġettivi għall-allokkazzjoni ta' abitazzjoni partikolari.	

Standards operattivi u indikaturi dwar il-kondizzjonijiet ta' akkoljenza				
Taqsima	Taqsima sekondarja	Standard	Indikatur(i)	
1. L-abitazzjoni	1.3. L-infrastruttura	5. Ara li jkun hemm spazju suffiċjenti fil-kamra tas-sodda fl-abitazzjonijiet kollettivi.	5.1. Spazju minimu ta' 4 m <sup>2</sup> għal kull persuna huwa pprovdut lil kull applikant.	
			5.2. Fir-rigward tal-ispazju minimu ta' 4 m <sup>2</sup> għal kull persuna, huwa assigurat għoli minimu tal-kamra ta' 2.10 m.	
			5.3. Jeżisti biżżejjed spazju fil-kamra tas-sodda biex titqiegħed sodda waħda u armarju wieħed għal kull applikant.	
		6. Ara li l-privatezza tal-applikanti fl-abitazzjoni kollettiva tkun irrispettata.	6.1. Massimu ta' sitt applikanti singoli huma akkomodati f'kamra tas-sodda waħda.	
			6.2. Jeżistu kmamar tas-sodda separati għall-applikanti singoli rġiel u nisa u ebda aċċess ma huwa possibbli għall-applikanti tas-sess oppost.	
			6.3. Hija prevista kamra privata (fil-bini jew barra l-bini) li hija disponibbli għall-applikanti meta jkun meħtieġ għal-laqgħat mal-assistenza legali, mal-ħaddiema soċjali u atturi rilevanti oħrajn.	
			6.4. Hemm stabbiliti arranġamenti speċifiċi għall-applikanti bi bżonnijiet speċjali.	
		7. Ara li l-abitazzjoni hija mgħammra biżżejjed.	7.1. L-għamara għal kull kamra tas-sodda tinkludi mill-inqas:	7.1.1. 1. sodda individwali għal kull persuna; U
				7.1.2. 1. armarju għal kull persuna jew familja, kbir biżżejjed għall-affarijiet personali (bħal ħwejjeġ, mediċini jew dokumenti).
				7.2. Fi kmamar tas-sodda maqsuma bejn applikanti li mhumiex membri tal-familja, l-armarju jista' jissakkar, mingħajr preġudizzju għall-kunsiderazzjonijiet ta' sigurtà tal-faċilità ta' akkoljenza.
				7.3. L-għamara fiż-żona komuni/li wieħed jgħix fiha tinkludi għadd suffiċjenti ta' mwejjed u siġġijiet.
				7.4. Fil-faċilitajiet fejn l-applikanti jintalbu jsajru l-ikel huma stess, dawn kollha li ġejjin huma pprovduti u aċċessibbli:
7.4.2. spazju suffiċjenti ta' xkafef għal kull persuna/familja; U				
7.4.3. aċċess minimu għal kuker għal kull persuna/familja; U				
7.4.4. numru minimu ta' platti, borom u pożati għal kull persuna.				
7.5. Hemm arranġamenti speċifiċi disponibbli għall-applikanti bi bżonnijiet speċjali.				

Standards operattivi u indikaturi dwar il-kondizzjonijiet ta' akkoljenza			
Taqsim	Taqsim sekondarja	Standard	Indikatur(i)
1. L-abitazzjoni	1.3. L-infrastruttura	8. Ara li jkun hemm infrastruttura sanitarja suffiċjenti, adegwata u li taħdem fl-abitazzjoni.	8.1. L-applikanti kollha għandu jkollhom aċċess għal doċċa/banju, sink bl-ilma kiesaħ u sħun u tojlit jaħdem tajjeb.
			8.2. Tal-inqas tojlit wieħed li jaħdem u li jissakkar għal kull 10 applikanti huwa aċċessibbli 24 siegħa kuljum.
			8.3. Tal-inqas hemm doċċa jew banju wieħed bl-ilma kiesaħ u sħun li jaħdem tajjeb għal kull 12-il applikant u huwa aċċessibbli għal mill-inqas tmien sigħat kuljum.
			8.4. Tal-inqas sink wieħed bl-ilma kiesaħ u sħun u li jaħdem tajjeb huwa aċċessibbli għal kull 10 applikanti, 24 siegħa kuljum.
			8.5. Jekk hemm aktar minn doċċa waħda fil-kamra tal-banju, dawn huma separati viżwalment.
			8.6. Jeżistu tojlits, sinkijiet u faċilitajiet tad-doċċa separati skont is-sessi (immarkati b'mod li jidher u jinftiehem sew) ħlief fil-każ ta' faċilitajiet żgħar ta' abitazzjoni.
			8.7. Fir-rigward tal-abitazzjoni kondiviża għall-applikanti li ma jkunux membri tal-familja, hemm arranġamenti stabbiliti biex ikun żgurat li l-applikanti jistgħu jaċċessaw il-faċilitajiet f'sigurtà sħiħa u li l-intimità tal-applikanti hija rrispettata f'kull ħin.
			8.8. Hemm arranġamenti stabbiliti biex jiżguraw li l-ħwejjeġ u x-xugamani ma jixxarbux waqt li l-applikanti jkunu qegħdin jinħaslu.
		8.9. Hemm stabbiliti arranġamenti speċifiċi għall-applikanti bi bżonnijiet speċjali.	
		9. Ara li l-abitazzjoni hija konformi mar-regolamenti nazzjonali u lokali.	9.1. L-abitazzjoni hija mibnija skont ir-regolamenti lokali u nazzjonali applikabbli.
			9.2. L-abitazzjoni hija miżmuma u operata skont ir-regolamenti lokali u nazzjonali rilevanti, b'kont meħud tal-perikli potenzjali.
			9.3. Fil-kmamar tas-sodda u fiż-żoni komuni/fis-salott tal-abitazzjoni jidħlu biżżejjed dawl naturali u arja friska.
			9.4. Teżisti sistema adegwata ta' regolazzjoni tat-temperatura għaż-żoni kollha tal-abitazzjoni.
			9.5. Il-kmamar tas-sodda u ż-żoni komuni huma protetti mill-istorbju ambjentali eċċessiv.

Standards operattivi u indikaturi dwar il-kondizzjonijiet ta' akkoljenza			
Taqsim	Taqsim sekondarja	Standard	Indikatur(i)
1. L-abitazzjoni	1.3. L-infrastruttura	10. Ara li l-infrastruttura ta' ġewwa u ta' barra tal-abitazzjoni maħsuba biex tilqa' lill-applikanti b'mobilità mnaqqsa hija adatta għall-ħtiġijiet tagħhom.	10.1. L-abitazzjoni tinsab: (a) fil-pjan terran; JEW (b) hemm lift adattat għall-użu mill-persuni b'mobilità mnaqqsa; JEW (c) it-turġien mhumiex aktar minn numru massimu, skont il-grad ta' mobilità mnaqqsa.
			10.2. L-approċċi esterni bħal mogħdijiet jew entraturi għall-karozzi huma livellati u solidi.
			10.3. L-entrata hija mfassla b'mod li tagħti aċċess lill-applikanti b'mobilità mnaqqsa.
			10.4. Il-bibien u l-kuritur fl-abitazzjoni huma wesgħin biżżejjed għal min juża siġġu tar-roti.
			10.5. Hemm poġġamani ta' appoġġ fil-kmamar u fil-postijiet li jintużaw minn applikanti b'mobilità mnaqqsa.
			10.6. Teżisti infrastruttura sanitarja adattata, li tinkludi, pereżempju, doċċi b'aċċess għas-siġġijiet tar-roti, poġġamani, sinkijiet u tojlits f'għoli xieraq mill-art għal min juża s-siġġu tar-roti, u wiċċ tal-art fil-kmamar tal-banju u fit-tojlits adatt għas-siġġijiet tar-roti.
	1.4. Sigurtà	11. Ara li jkun hemm miżuri ta' sigurtà suffiċjenti.	11.1. B'mod regolari ssir valutazzjoni tar-riskju, li tqis il-fatturi esterni u interni.
			11.2. Miżuri ta' sigurtà adegwati huma introdotti abbażi tal-eżitu tal-valutazzjoni tar-riskju.
			11.3. Wieħed jista' jirrapporta problemi ta' sigurtà (eż. serq, vjolenza, theddid, ostilità mill-komunità esterna) lill-persunal responsabbli b'mod sigur.
			11.4. In-numri tal-linji ta' emerġenza huma ešebiti f'post viżibbli u hemm telefon disponibbli.
			11.5. Il-miżuri tas-sigurtà jiffokaw fuq id-detezzjoni u l-prevenzjoni ta' vjolenza sesswali u sessista.
			11.6. Saru arranġamenti speċifiċi għall-applikanti bi bżonnijiet speċjali.
	1.5. Iż-żoni komuni	12. Ara li l-applikanti għandhom biżżejjed spazju fejn jieklu.	12.1. L-applikanti kollha għandhom il-possibbiltà li jieklu fi spazju maħsub apposta.
		13. Ara li l-applikanti għandhom spazju biżżejjed għall-attivitajiet ta' divertiment u għall-gruppi.	13.1. Teżisti żona fl-abitazzjoni jew fi spazju pubbliku fil-qrib li hija adatta għall-attivitajiet ta' divertiment.
			13.2. Fejn l-attivitajiet tal-grupp huma organizzati mill-Istat Membru, hemm disponibbli spazju suffiċjenti.
			13.3. Jekk il-faċilità tospita tfał, hemm kamra/żona sigura fejn huma jistgħu jilagħbu u jagħmlu attivitajiet fil-beraħ fl-abitazzjoni nfisha jew fl-ispażju pubbliku fil-qrib.

Standards operattivi u indikaturi dwar il-kondizzjonijiet ta' akkoljenza			
Taqsim	Taqsim sekondarja	Standard	Indikatur(i)
1. L-abitazzjoni	1.6. Is-sanità	14. Ara li ż-żoni privati u komuni jinżammu nodfa.	14.1. Il-faċilità tal-abitazzjoni tosserva l-iskeda tat-tindif
			14.2. L-indafa taż-żoni privati u komuni tal-abitazzjoni hija ċċekkjata fuq bażi regolari.
			14.3. L-indafa hija ċċekkjata meta n-nies imorru f'kamra oħra jew f'faċilità differenti ta' abitazzjoni.
			14.4. Fejn l-applikanti huma responsabbli għat-tindif, huma għandhom aċċess għall-prodotti u oġġetti tat-tindif meħtieġa kif ukoll tagħmir ta' protezzjoni bħal ingwanti u maskri.
		15. Ara li l-kċina u li ż-żoni sanitarji jinżammu nodfa.	15.1. L-indafa taż-żoni hija konformi mar-regolamenti u l-istandards lokali u nazzjonali.
			15.2. Iż-żoni jitnaddfu tal-inqas darba kuljum (fiċ-ċentri ta' abitazzjoni), jew skont il-bżonn.
	15.3. It-tindif bir-reqqa taż-żoni jsir b'mod regolari.		
	16. Kun żgur li l-applikanti jistgħu jaħslu l-ħwejjeġ tagħhom jew li jinħasluhom fuq bażi regolari.	16. Kun żgur li l-applikanti jistgħu jaħslu l-ħwejjeġ tagħhom jew li jinħasluhom fuq bażi regolari.	16.1. Meta l-lożor u x-xugamani jingħataw <i>in natura</i> u jinħaslu mill-faċilità tal-abitazzjoni, għandhom jinħaslu b'mod regolari.
			16.2. (a): L-applikanti għandhom ikunu jistgħu jaħslu l-ħwejjeġ tal-anqas darba f'gimġha; JEW
			16.2. (b): Hemm servizz disponibbli biex ikunu jistgħu jinħaslu l-ħwejjeġ tal-applikanti.
	1.7. Il-manutenzjoni	17. Ara li l-faċilitajiet tal-akkomodazzjoni huma siguri u jaħdmu kif suppost permezz ta' manutenzjoni regolari.	17.1. Il-funzjonament tajjeb tal-abitazzjoni u l-għamara u t-tagħmir tagħha huwa evalwat fuq bażi regolari.
			17.2. L-applikanti għandhom il-possibbiltà li jirrapportaw il-bżonn ta' manutenzjoni u tiswijiet.
17.3. It-tiswijiet u l-bdil meħtieġa fl-abitazzjoni jsiru f'waqthom u bi standard adegwat.			
1.8. L-apparat u s-servizzi ta' komunikazzjoni	18. Ara li l-applikanti għandhom aċċess adegwat għal telefon biex ikunu jistgħu jagħmlu telefonati dwar kwistjonijiet proċedurali, legali, mediċi jew edukattivi.	18.1. L-aċċess għal telefon huwa possibbli tal-anqas għat-telefonati li jirrigwardaw il-kwistjonijiet proċedurali, legali, mediċi u edukattivi.	
		18.2. L-applikanti għandhom aċċess kuljum għal mill-anqas telefon wieħed kull unità ta' abitazzjoni.	
		18.3. L-applikanti jistgħu jirċievu telefonati f'ambjent privat, jiġifieri applikanti oħrajn ma jistgħux jisimġu l-konverżazzjoni.	
	19. Ara li l-applikanti għandhom aċċess adegwat għall-internet.	19.1. L-applikanti għandhom aċċess għall-internet fl-abitazzjoni nfisha jew fl-ispazju pubbliku viċin tal-anqas erba' darbiet fil-gimġha.	
	20. Ara li l-applikanti għandhom il-possibbiltà li jiċċarġjaw l-apparat ta' komunikazzjoni tagħhom.	20.1. Hemm tal-anqas sokit wieħed disponibbli u aċċessibbli f'kull kamra tas-sodda biex wieħed ikun jista' jiċċarġja l-apparat elettroniku.	

Standards operattivi u indikaturi dwar il-kondizzjonijiet ta' akkoljenza			
Taqsim	Taqsim sekondarja	Standard	Indikatur(i)
2. L-ikel	21. Ara li l-applikanti għandhom aċċess għal ikel suffiċjenti u adegwat.		21.1. L-istandards dwar is-sigurtà tal-ikel huma osservati.
			21.2. Tal-anqas jisservew tliet ikliet kuljum lill-adulti u ħamsa lill-minorenni, li minnhom tal-anqas waħda hija msajra u servuta sħuna.
			21.3. L-ikel jiżgura dieta bilanċjata u varjata.
			21.4. L-applikanti jiġu informati dwar x'tinkludi l-ikla.
			21.5. Hemm stabbiliti arranġamenti speċifiċi għall-applikanti bi ħtiġijiet ta' dieta speċjali.
			21.6. Il-preferenzi tal-ikel u r-restrizzjonijiet tad-dieta ta' gruppi speċifiċi huma kkunsidrati.
	22. Ara li l-applikanti għandhom aċċess għal ilma tax-xorb 24 siegħa kuljum.		22.1. Kull applikant jingħata minimu ta' żewġ litri u nofs ilma kuljum waqt li l-fiżjoloġija personali u l-klima għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni.
			22.2. (a): L-infrastruttura tal-abitazzjoni hija adegwata għall-ilma tax-xorb. JEW
			22.2. (b): L-ilma tax-xorb huwa mqassam fl-assenza ta' infrastruttura adegwata.
	3. Fwejjeġ u oġġetti oħrajn mhux tal-ikel	23. Ara li l-applikant għandu fwejjeġ suffiċjenti.	
23.2. L-applikant għandu tal-anqas numru minimu ta' oġġetti ta' lbies.			
23.3. L-applikant għandu mill-inqas żewġ pari żraben.			
23.4. L-applikanti jingħataw il-fwejjeġ mill-aktar fis possibbli.			
23.5. Jekk xi fwejjeġ ma jibqgħux tajbin minħabba li jitqattgħu bl-użu, hemm mod standardizzat kif wieħed jikseb fwejjeġ oħrajn minflokhom.			
23.6. L-applikanti għandhom biżżejjed fwejjeġ għat-trabi u għat-tfal għal ġimgħa mingħajr ma għandhom għalfejn jaħslu.			
24. Ara li l-applikanti jkollhom fwejjeġ adegwati.			24.1. Il-fwejjeġ huma ta' daqs raġonevoli għall-applikanti.
			24.2. L-ilbies huwa raġonevolment diċenti u xieraq għall-istandard prevalenti tas-soċjetà ospitanti u għall-isfond tal-applikanti.
			24.3. Hemm disponibbli lbies adegwat għall-istaġuni.

Standards operattivi u indikaturi dwar il-kondizzjonijiet ta' akkoljenza			
Taqsim	Taqsim sekondarja	Standard	Indikatur(i)
<b>3. Fwejjeġ u oġġetti oħrajn mhux tal-ikel</b>	25. Ara li l-applikanti għandhom aċċess għal prodotti suffiċjenti u adegwati tal-iġjene personali.		25.1. Teżisti lista li tispjefika liema tip u kwantità ta' prodotti tal-iġjene personali l-applikanti ta' ċerta età u sess huma intitolati li jirċievu.
			25.2. L-applikant għandu għad-dispożizzjoni tiegħu l-prodotti tal-iġjene personali meħtieġa, kemm permezz ta' tqassim regolari in natura jew fuq bażi per capita jew permezz tal-konċessjoni għall-ispejjeż ta' kuljum.
	26. Ara li l-applikanti għandhom aċċess għal oġġetti oħrajn essenzjali li mhumiex tal-ikel		26.1. Hemm provvista suffiċjenti ta' bjankerija tas-sodda u xugamani.
			26.2. Is-sapun tal-ħasil huwa disponibbli jekk l-applikanti jaħslu l-fwejjeġ tagħhom stess.
			26.3. Hemm stabbiliti arranġamenti speċifiċi għall-applikanti bi bżonnijiet speċjali.
	27. Ara li t-fal irregjstrati fl-iskola jingħataw ilbies adegwat u oġġetti tal-iskola li jippermettulhom jipparteċipaw bis-siħ fl-attivitajiet edukattivi tal-iskola.		27.1. Tfal li jattendu l-iskola obligatorja jingħataw ilbies adegwat għall-attivitajiet tal-iskola.
27.2. It-fal li jattendu l-iskola jingħataw basket tal-iskola (backpack jew tip ieħor) u l-oġġetti kollha (kotba tal-iskola, eċċ.) mitluba mill-iskola bla ħlas.			
<b>4. Il-konċessjoni għall-ispejjeż ta' kuljum</b>	28. Ara li tingħata konċessjoni adegwata għall-ispejjeż ta' kuljum.		28.1. Teżisti definizzjoni ċara tal-ambitu tal-konċessjoni għall-ispejjeż ta' kuljum.
			28.2. Il-metodu għall-kalkolu tal-konċessjoni għall-ispejjeż ta' kuljum huwa ddeterminat b'mod ċar.
			28.3. Il-konċessjoni għall-ispejjeż ta' kuljum hija mogħtija għall-użu liberu ("flus fil-but") u tippermetti lill-applikanti grad adegwat ta' awtonomija.
			28.4. L-ammont tal-konċessjoni għall-ispejjeż ta' kuljum jirrifletti wkoll tal-anqas l-ispejjeż li ġejjin, sakemm ma jingħatawx in natura: il-komunikazzjoni u l-informazzjoni, oġġetti tal-iskola, l-iġjene personali u l-kura tal-ġisem, attivitajiet ta' divertiment u spejjeż għat-trasport relatat mal-aċċess għall-kura tas-saħħa u l-akkwist ta' mediċini, il-proċedura tal-asil u l-assistenza legali, u l-edukazzjoni għat-tfal irregjstrati fl-iskola.
			28.5. Il-konċessjoni għall-ispejjeż ta' kuljum tingħata b'mod regolari, u mhux inqas minn darba fix-xahar f'dak li jirrigwarda l-"flus fil-but".

Standards operattivi u indikaturi dwar il-kondizzjonijiet ta' akkoljenza			
Taqsim	Taqsim sekondarja	Standard	Indikatur(i)
5. Kura tas-saħħa		29. Ara li jkun hemm aċċess għall-kura tas-saħħa meħtieġa, tal-anqas għall-kura ta' emerġenza u għat-trattamenti ta' mard u disturbi mentali serji.	29.1. L-applikant għandu aċċess għal kull tip ta' servizz ta' kura tas-saħħa meħtieġ.
			29.2. Is-servizzi tal-kura tas-saħħa huma pprovduti minn persunal mediku kwalifikat.
			29.3. Il-kura tas-saħħa hija disponibbli fl-abitazzjoni jew barra l-abitazzjoni f'distanza raġonevoli.
			29.4. Il-kura tas-saħħa meħtieġa, inkluża l-mediċina bir-riċetta, tingħata bla ħlas jew il-ħlas tagħha jiġi kkompensat permezz tal-konċessjoni għall-ispejjeż ta' kuljum.
			29.5. Hemm stabbiliti arranġamenti adegwati li jiżguraw li l-applikant jista' jikkomunika mal-persunal mediku.
			29.6. Hemm arranġamenti għall-aċċess għall-ewwel għajnuna fil-każijiet ta' emerġenza.
			29.7. L-applikant għandu aċċess għar-rekords mediċi tiegħu, mingħajr preġudizzju għal-leġislazzjoni nazzjonali.
			29.8. Hemm stabbiliti arranġamenti speċifiċi għall-applikanti bi ħtiġijiet mediċi speċjali.
6. Il-forniment ta' informazzjoni u konsulenza		30. Ara li l-applikant jirċievi u jifhem l-informazzjoni rilevanti għall-fażijiet dwar il-benefiċċji u l-obbligi relatati mal-kondizzjonijiet ta' akkoljenza.	30.1. L-informazzjoni miktuba hija pprovduta f'lingwa li l-applikant jifhem jew huwa suppost li jifhem b'mod raġonevoli.
			30.2. Fejn ikun meħtieġ u xieraq l-informazzjoni tingħata wkoll bil-fomm f'lingwa li l-applikant jifhem.
			30.3. L-informazzjoni tkopri l-aspetti kollha tal-kondizzjonijiet ta' akkoljenza, inklużi l-benefiċċji u l-obbligi taħt l-RCD.
			30.4. L-informazzjoni hija pprovduta f'waqtha (massimu ta' 15-il jum) wara li tiġi ffajljata l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.
			30.5. L-informazzjoni hija pprovduta skont il-bżonnijiet speċjali u ċ-ċirkustanzi individwali tal-applikanti.
		31. Ara li tagħti informazzjoni dwar organizzazzjonijiet jew gruppi ta' persuni li jipprovdu assistenza legali speċifika u organizzazzjonijiet li jistgħu jgħinu jew jinformat lill-applikanti dwar il-kondizzjonijiet ta' akkoljenza disponibbli, inkluża kura tas-saħħa.	31.1. L-applikanti jingħataw informazzjoni dwar l-assistenza legali disponibbli u dwar kif jaċċessawha.



Standards operattivi u indikaturi dwar il-kondizzjonijiet ta' akkoljenza			
Taqsim	Taqsim sekondarja	Standard	Indikatur(i)
6. Il-forniment ta' informazzjoni u konsulenza			31.2. L-informazzjoni mogħtija lill-applikanti tinkludi d-dettalji ta' kuntatt ta' organizzazzjonijiet jew gruppi ta' persuni li jistgħu jinformaw lill-applikanti dwar kondizzjonijiet ta' akkoljenza disponibbli, inkluża l-kura tas-saħħa, u kif jaċċessawhom.
			31.3. L-informazzjoni miktuba hija pprovduta f'lingwa li l-applikant jifhem jew huwa suppost li jifhem b'mod raġonevoli.
			31.4. Fejn ikun meħtieġ u xieraq l-informazzjoni tingħata wkoll bil-fomm f'lingwa li l-applikant jifhem.
			31.5. L-informazzjoni għandha tingħata f'waqtha (massimu ta' 15-il jum) wara li tiġi ffajljata l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.
			31.6. L-informazzjoni hija pprovduta skont il-bżonnijiet speċjali u ċ-ċirkustanzi personali tal-applikanti.
			32. Ara li jkun hemm aċċess adegwat għal konsulenti legali jew konsulenti oħrajn, persuni li jirrappreżentaw lill-UNHCR, lis-Salib I-Aħmar, organizzazzjonijiet intergovernattivi u nongovernattivi rilevanti rikonoxxuti mill-Istat Membru kkonċernat sabiex jgħinu lill-applikanti.
	32.2. L-atturi elenkati hawn fuq jistgħu jiltaqgħu u jtkellmu mal-applikanti f'kondizzjonijiet li jiżguraw privatezza adegwata.		
	33. Ara li l-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali għandhom aċċess għall-konsulenza soċjali.	33.1. Il-konsulenza soċjali hija disponibbli għall-applikanti fil-faċilità tal-akkomodazzjoni u anki barra.	
		33.2. L-applikanti jistgħu jkollhom aċċess għall-pariri soċjali fuq bażi regolari u skont il-ħtiġijiet personali tagħhom.	

Standards operattivi u indikaturi dwar il-kondizzjonijiet ta' akkoljenza			
Taqsim	Taqsim sekondarja	Standard	Indikatur(i)
<b>7. L-identifikazzjoni, il-valutazzjoni tal-bżonnijiet speċjali tal-akkoljenza u r-rispons għalihom</b>	34. Ara li hemm mekkaniżmu stabbilit sabiex jiġu identifikati u vvalutati l-bżonnijiet ta' akkoljenza speċjali.		34.1. Hemm mekkaniżmu standardizzat biex jiġu identifikati l-bżonnijiet ta' akkoljenza speċjali ta' kwalunkwe applikant.
			34.2. Il-mekkaniżmu jippreskrivi b'mod ċar min huwa responsabbli għall-identifikazzjoni u l-valutazzjoni ta' bżonnijiet ta' akkoljenza speċjali.
			34.3. Il-mekkaniżmu jippreskrivi b'mod ċar kif l-identifikazzjoni u l-valutazzjoni jiġu rreġistrati u kkomunikati lill-applikant u lill-atturi rilevanti.
	35. Ara li l-mekkaniżmu għall-identifikazzjoni u l-valutazzjoni ta' bżonnijiet ta' akkoljenza speċjali jiġi applikat b'mod effettiv.		35.1. Riżorsi suffiċjenti huma allokat għall-identifikazzjoni, il-valutazzjoni u l-monitoraġġ ta' bżonnijiet speċjali.
			35.2. L-identifikazzjoni u l-valutazzjoni inizjali tal-bżonnijiet speċjali ssir mill-aktar fis possibbli.
			35.3. Il-bżonnijiet speċjali li jiffaċċaw aktar tard huma identifikati u vvalutati b'mod adegwat.
			35.4. Fejn ikun rilevanti, atturi speċjalizzati huma involuti fil-valutazzjoni tal-bżonnijiet speċjali.
			35.5. Il-kanali ta' komunikazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtorità ta' akkoljenza u l-awtorità li tiddeċiedi huma stabbiliti u użati.
			35.6. L-identifikazzjoni u l-valutazzjoni ta' bżonnijiet ta' akkoljenza speċjali jsiru mingħajr preġudizzju għall-eżami tal-bżonn tal-applikant għall-protezzjoni internazzjonali.
	36. Ara li l-bżonnijiet ta' akkoljenza speċjali identifikati jkunu indirizzati fil-pront.		36.1. Tittieħed azzjoni adegwata u f'waqtha biex jiġu indirizzati l-bżonnijiet speċjali identifikati u vvalutati.
			36.2. F'każ li ġew identifikati bżonnijiet speċjali, hemm mekkaniżmu stabbilit li jiżgura l-monitoraġġ regolari tagħhom.

Standards operattivi u indikaturi dwar il-kondizzjonijiet ta' akkoljenza			
Taqsuma	Taqsuma sekondarja	Standard	Indikatur(i)
8. It-taħriġ tal-persunal	37. Ara li l-uffiċjali tal-akkoljenza huma kwalifikati biżżejjed.		37.1. Kull uffiċjal tal-akkoljenza għandu termini ċari ta' referenza (deskrizzjoni tal-impjieg).
			37.2. Kull uffiċjal tal-akkoljenza huwa kwalifikat skont il-liġi u r-regolamenti nazzjonali dwar it-termini ta' referenza partikolari tiegħu (deskrizzjoni tal-impjieg).
	38. Ara li l-uffiċjali tal-akkoljenza jingħataw it-taħriġ meħtieġ u xieraq.		38.1. Kull uffiċjal tal-akkoljenza jiġi introdott fid-dettall u fil-pront għar-rwol tiegħu, inkluż għall-kodiċi ta' mgħiba applikabbli.
			38.2. Jeżisti sillabu ta' taħriġ ċar li jinkludi rekwiżiti ta' taħriġ għal kull grupp funzjonali.
			38.3. It-taħriġ huwa pprovdut b'mod regolari u skont il-bżonn.
			38.4. It-taħriġ minimu pprovdut jinkludi kwistjonijiet speċifiċi relatati mas-sessi u l-età u s-sitwazzjoni tal-applikanti bi bżonnijiet speċjali, b'mod partikolari fir-rigward tal-protezzjoni tal-minorenni u ta' standards ta' salvagwardja tat-tfal, inklużi minorenni mhux akkumpanjati kif ukoll l-identifikazzjoni ta' vittmi tat-tortura u tal-vjolenza.
	39. Ippromwovi l-għarfien ta' partijiet oħrajn interessati li huma f'kuntatt regolari mal-applikanti.		39.1. Hemm stabbilti sessjonijiet regolari ta' sensibilizzazzjoni u/jew arranġamenti alternattivi għall-persuni li mhumiex meqjusa bħala "uffiċjali tal-akkoljenza", iżda madankollu jkunu f'kuntatt mal-applikanti minħabba l-professjoni/il-funzjoni tagħhom.
40. Ippromwovi appoġġ orjentat lejn il-proċess lill-uffiċjali tal-akkoljenza.		40.1. Hemm diversi miżuri disponibbli biex jiġu ttrattati sitwazzjonijiet diffiċli li jinħolqu waqt il-ħidma ta' akkoljenza.	







## KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

### **Pubblikazzjonijiet bla ħlas:**

- kopja waħda:  
permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>);
- iżjed minn kopja waħda jew posters/mapep:  
mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea ([http://ec.europa.eu/represent\\_mt.htm](http://ec.europa.eu/represent_mt.htm)),  
mid-delegazzjonijiet f'pajjiżi li mhumiex fl-UE ([http://eeas.europa.eu/delegations/index\\_mt.htm](http://eeas.europa.eu/delegations/index_mt.htm)),  
billi tikkuntatja s-servizz Europe Direct ([http://europa.eu/europedirect/index\\_mt.htm](http://europa.eu/europedirect/index_mt.htm))  
jew ċempel 00 800 6 7 8 9 10 11 (numru tat-telefown bla ħlas minn kullimkien fl-UE) (\*).

(\*) L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

### **Pubblikazzjonijiet bi ħlas:**

- permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>).

